# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 21 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 2**

**Rikors numru 47/13/1 AF**

**Joseph Camilleri, Albert Philip Camilleri, Mary Grace mart Richard Catania u David Camilleri**

**v.**

**John Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli prinċipali mressqa mill-atturi separatament minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-17 ta' April, 2023, li biha ċaħdet it-talbiet attriċi sabiex it-testment magħmul miz-zija tal-partijiet fit-18 ta' Frar, 2009 jiġi dikjarat null u

mingħajr effett billi skonthom kien hemm nieqes fiha l-kapaċità testamentarja. Bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

**Daħla**

2. B’rikors maħluf imressaq fil-21 ta’ Jannar, 2013 l-atturi fissru li fit-28 ta’ Diċembru, 2010 mietet Elizabetta *sive* Liza fl-età ta’ tlieta u disgħin (93) sena. Hija kienet xebba u ma kellhiex tfal, u ħalliet warajha lil ħutha Caterina Pace u Giuseppa Camilleri ma’ min qattgħet ħajjitha, u l-ħames neputijiet tagħha li huma l-atturi u l-konvenut f’din il-kawża.

3. Jgħidu li mir-riċerki testamentarji dwar l-istess Elizabetta *sive* Liza Pace jirriżulta illi fit-18 ta’ Frar, 2009, ġewwa l-Mosta *Central Home,* fejn dak iż-żmien kienet toqgħod, sar testment quddiem in-Nutar George *sive* Jurgen Galea, f’liema testment hemm miktub li t-testatriċi qiegħda tħassar kull testment ieħor li għamlet qabel, u qiegħda tħalli b’titlu ta’ legat favur in-neputi tagħha, Joseph Camilleri, is-sehem li kellha mill-fond bin-numru għaxra fi Triq Mula, Ħaż-Żebbuġ, u qed tinnomina lill-konvenut John Camilleri bħala eredi universali tagħha.

4. L-atturi jissoktaw jgħidu li meta sar dan it-testment l-imsemmija Elizabetta *sive* Liza Pace ma kellhiex l-użu tar-raġuni kif meħtieġ mil-liġi u kienet inkapaċi li tagħmel testment, kif jirriżulta miċ-ċertifikati mediċi

mehmuża u kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

5. Jgħidu li fil-fatt dan it-testment sar biss fuq l-inizjattiva u bl-organizzazzjoni tal-konvenut, waqt li Elizabetta *sive* Liza Pace kienet fi stat ta' inkapaċità fil-Mosta *Central Home* u kien fil-fatt parti minn pjan imwettaq b'rieda ħażina mill-konvenut u martu Antoinette Camilleri sabiex japproprjaw ruħhom inġustament mill-proprjetà kollha, kemm immobbli u flus, tal-aħwa anzjani Giuseppa Camilleri, Caterina Pace u t-testatriċi Elizabetta *sive* Liza Pace, li flimkien kellhom diversi proprjetajiet ġewwa Ħaż-Żebbug. Kemm hu hekk, ifissru li kien hemm proċeduri pendenti marbuta ma' din l-imġiba tal-konvenut (Rikors Maħluf Numru 352/2012 u Rikors Maħluf Numru 203/2012) fejn qed jiġu impunjati żewġ kuntratti tal-14 ta' Ġunju 2010 u tal-5 ta' Lulju 2010 quddiem l-istess Nutar George *sive* Jurgen Galea, li permezz tagħhom il-konvenut approprja ruħu inġustament mill-proprjetà immobbli ta' ommu Giuseppa Camilleri u zitu Caterina Pace, u qiegħed jintalab irodd lura wkoll il-flejjes li dawwar għalih illegalment għas-skapitu tagħhom.

6. L-atturi jgħidu li Elizabetta *sive* Liza Pace ma kinitx kapaċi skont il-liġi, u b'hekk jisħqu li t-testment tagħha tat-18 ta' Frar, 2009 huwa null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

7. Minħabba f'hekk, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

*«1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Elizabetta sive Lisa Pace ma kellhiex l-użu tar-raġuni kif rikjest mil-liġi u għalhekk ma kinitx kapaċi tagħmel it-testment tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u disgħa (2009) quddiem in-Nutar George sive Jurgen Galea (**Dok. A3**).*

*2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-istess testment ta' Elizabetta sive Liza Pace tat-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u disgħa (2009) quddiem in-Nutar George sive Jurgen Galea (**Dok. A3**) huwa null u mingħajr ebda effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

*Bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-10 ta' Awwissu 2011 kontra l-konvenut illi huwa minn issa inġunt in subizzjoni, u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi.»*

8. Il-konvenut ressaq it-tweġiba tiegħu nhar l-14 ta' Mejju, 2013 li permezz tagħha wieġeb li:

*«Preliminarjament, l-atturi għandhom jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom skont il-liġi u dana, 'inter alia', billi jesebixxu t-testment preċedenti għal dak mertu ta' din il-kawża u li sar, skont dokument A2 esibit mill-istess atturi, madwar tliet snin qabel dak it-testment li jinsab impunjat.*

*Fil-mertu, ma teżisti l-ebda raġuni li għaliha t-testment datat 18 ta' Frar 2009 huwa null u mingħajr effett.*

*Għandu jiġi ravviżat li dak meħtieġ espressament mil-liġi f'dan ir-rigward huwa l-prova mhux ta' nuqqas tal-"użu tar-raġuni" imma, skont l-art. 597 tal-Kodiċi Ċivili, in-nuqqas li t-testatur jesprimi r-rieda tiegħu u/jew diżordni mentali jew kundizzjoni oħra li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-mument li fih isir it-testment. Għaldaqstant it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħin abbażi tal-fatt li l-kawżali riportata fl-ewwel talba attrici ma tiġġustifikax it-tieni talba għad-dikjarazzjoni ta' nullità tat-testment.*

*Lanqas ma huwa minnu li fil-mument li fih sar l-imsemmi testment it-testatriċi "ma kellhiex l-użu tar-raġuni kif rikjest mil-liġi u għalhekk ma kinitx kapaċi li tagħmel it-testment" u dan kif jirriżulta ċar mhux biss miċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. J. Vella Baldacchino imma wkoll mir-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet testamentarji stess. B'mod partikolari, tenut kont ukoll li fiż-żmien illi fih sar it-testment id-"de cuius" kienet sfat għalkollox abbandunata min-neputijiet tagħha salv għall-esponenti li lanqas biss ma kienu jżuruha u li issa qed jittentaw din il-proċedura biex jannullaw l-aħħar volontà tagħha, il-laxxiti magħmula favur tal-Knisja Arċipretali ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ u tal-istess attur Joseph Camilleri huma sinjifikanti. Inoltre xhieda ta' dan it-testment kienu proprji persuni fis-servizz tal-Mosta Central Home u kieku dak li jingħad*

*fir-rapport mediku maħruġ minn Dr. Bartolo kien minnu fil-mument li fih sar it-testment mhux biss in-Nutar Jurgen Galea, li jaħdem fi ħdan l-uffiċċju tan-Nutara Mariella Mizzi li tagħha t-testatriċi kienet regolarment klijenta, ma kienx jippubblika tali testment imma wkoll ix-xhieda msemmijin kienu jirrifjutaw kategorikament li jaqdu din il-funzjoni. Inoltre l-esponenti lanqas ma kienu preżenti man-Nutar meta t-testatriċi esprimiet mieghu x'kienet l-aħħar volontà tagħha.*

*L-esponenti jiċħdu kategorikament dak li jinsab riportat kemm minn Dr. Giacinto Bartolo u kif ukoll minn Dr. Chris Muscat u dan għaliex dak li jingħad hemmhekk assolutament ma jistax jirreferi għall-kundizzjoni tat-testatriċi fil-mument li fih sar it-testment. Jiġi nnutat li Dr. Bartolo ma kellu l-ebda awtorità li joħroġ tali ċertifikat f'idejn terzi mingħajr ma jikkomunika mal-esponenti bħala l-eredi tad-"de cuius" u f'dan ir-rigward l-esponenti qed jirriżervaw kull dritt t'azzjoni spettanti lilhom kemm f'dan ir-rigward u kif ukoll fir-rigward tal-kontenut għalkollox inveritier tal-istess rapport. Għal kull bon fini jingħad li kieku l-istat mentali tad-"de cuius" kien tassew daqstant gravi daqskemm jinsab rappurtat f'dan ir-rapport, x'aktarx li lanqas iż-żewġ testmenti preċedenti tad-"de cuius" ma jistgħu jiġu kkunsidrati validi skont il-liġi. Jiġi nutat ukoll li fil-21 ta' Settembru 2007, id-"de cuius" kienet sottoskriviet kuntratt ta' diviżjoni li ġie wkoll sottoskritt mill-istess atturi. Għaldaqstant huwa għalkollox inveritier dak li jinsab rapportat fiċ-ċertifikat mediku ta' Dr. Chris Muscat u ta' Dr. Giacinto Bartolo proprju għaliex kieku kien minnu dak hemmhekk rapportat ċertament id-"de cuius" lanqas ma kienet tkun fi stat li tiffirma dan il-kuntratt u lanqas ma kienu jiffirmaw tali kuntratt il-bqija tal-partijiet. Fir-rigward taċ-ċertifikati ta' Dr. Chris Muscat l-esponenti ma jistgħux jifhmu għal liema raġuni dawn inħarġu u dan peress illi f'dak iż-żmien id-"de cuius" ma kinitx taħt il-kura tal-imsemmi tabib u lanqas ma jidher li kien hemm ebda kuntatt bejn l-atturi u l-istess "de cuius". F'dan ir-rigward ukoll l-esponenti qed jirriżervaw id-drittijiet kollha tagħhom skont il-liġi.*

*L-eċċezzjonijiet surreferiti qed jiġu mressqin interament mingħajr preġudizzju għal xulxin u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-esponenti sabiex fi kwalunkwe każ jiġu kumpensati għas-serviġi minnhom reżi lid-"de cuius" u li fir-rigward tal-istess esponenti qegħdin minn issa jirriżervaw id-drittijiet kollha tagħhom.*

*It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.»*

9. B'sentenza mogħtija fis-17 ta' April, 2023, l-Ewwel Qorti filwaqt li ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni, laqgħet il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut u għaddiet biex tiċħad it-talbiet attriċi li permezz tagħhom intalab li t-testment magħmul minn Elizabetta *sive* Liza Pace nhar it-18 ta' Frar,

2009 jiġi dikjarat null u mingħajr effett. Bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«Ikkunsidrat illi f'din il-kawża l-atturi qegħdin jittentaw jimpunjaw it-testment tad-defunta Elizabetta Pace li rregolat is-suċċessjoni tagħha b'testment datat 18 ta' Frar 2009 in atti tan-Nutar George sive Jurgen Galea, li bih hija ħatret lill-konvenut bħala l-eredi universali tagħha waqt illi ħalliet b'legat favur l-attur is-sehem tagħha mid-dar bin-numru 10 fi Triq Mula, Żebbuġ. L-atturi qegħdin jallegaw illi d-de cuius ma kellhiex il-kapaċità u l-pieni poteri mentali sabiex tagħmel testment. Hija l-fehma tagħhom illi fl-atti hemm provi b'saħħithom biżżejjed sabiex tingħeleb il-preżunzjoni li t-testatriċi kellha l-kapaċità testamentarja u dan kawża ta' dimentia li fixklet u alterat il-kapaċitajiet mentali tagħha.*

*Il-konvenuti sfidaw lill-atturi sabiex preliminarjament jagħmlu l-prova tal-interess ġuridiku tagħhom fil-proċeduri odjerni. Fil-mertu l-konvenuti eċċepew illi t-testment impunjat huwa validu u li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.*

*Għal dak illi jirrigwarda l-interess ġuridiku tal-atturi fil-kawża odjerna, l-atturi ppreżentaw in atti kopja ta' żewġ testmenti wieħed datat 5 ta' Settembru 2000 u ieħor datat 1 ta' Frar 2006, it-tnejn in atti tan-Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi minn liema jirriżulta li t-testatriċi nnominat lin-neputijiet tagħha ossia lill-atturi Joseph, Albert, David u Mary Grace Catania née Camilleri, u lill-konvenut John Camilleri, ilkoll aħwa Camilleri bħala eredi universali tal-ġid kollu tagħha.*

*Din il-Qorti hija sodisfatta illi l-interess ġuridiku tal-atturi tnissel mill-fatt illi bit-testment tat-18 ta' Frar 2009 huma ġew esklużi*[1] *mill-wirt ta' Elizabetta Pace u għalhekk qegħdin jattakkaw il-validità tal-aħħar testment tagħha.*

*Tqis għalhekk illi l-ewwel eċċezzjoni mhijiex fondata u għalhekk għandha tiġi miċħuda.*

*Mill-provi jirriżulta illi Elizabetta Pace, xebba, tiġi z-zija materna tal-partijiet f'din il-kawża. Hija kienet mara sempliċi qalbha tajba, ta' ftit skola u li dejjem ħadmet fir-raba u kienet taqla' l-għajxien tagħha mill-prodott koltivat minnha. Huwa paċifiku bejn il-partijiet illi sal-mewt ta' Elizabetta Pace il-familja kienet magħquda. L-inkwiet inqala' meta nfetaħ it-testment ta' Pace u rriżulta li din kienet innominat lill-konvenut bħala l-*

[1] *Dan għajr għall-attur Joseph Camilleri li bis-saħħa tat-testment tat-18 ta' Frar 2009 wiret is-sehem ta' Elizabetta Pace mill-fond numru 10, Triq Mula, Żebbuġ.*

*eredi universali tagħha u saħansitra eskludiet mill-wirt tagħha lil ħutha li flimkien magħhom dejjem għexu fl-istess fond.*

*L-atturi lkoll xehdu illi sussegwentment għal mewt ta' oħtha Philippa Pace fis-sena 2007, Elizabetta Pace ħaditha wisq bi kbira tant illi ntefgħet fis-sodda u minn hemm bdiet sejra lura. Jispjegaw illi Elizabetta Pace kienet tinsa ħafna, tħawwad u taġixxi b'tali mod li ma jagħmilx sens. Jirrakkontaw illi kienet tqum f'nofs ta' lejl u tmur issajjar waqt illi fl-istess ħin tħalli l-borma vojta fuq in-nar, jew inkella kienet tqum mal-lejl, taqbad il-kutri u ġġorrhom magħha. Jgħidu wkoll illi apparti li kienet ferm batuta mis-smigħ, waslet ukoll f'punt illi lanqas baqgħet tagħraf il-familjari tagħha stess. Fil-fehma tal-atturi saħħet Elizabetta Pace kompliet sejra lura meta fis-sena 2008 żelqet fil-bitħa wara li marret sabiex titma' l-annimali. Minn hemm kien meħtieġ li tqatta' ftit jiem rikoverata ġewwa l-isptar Mater Dei sakemm ġiet trasferita ġewwa l-isptar Karen Grech għar-riabilitazzjoni. Jgħidu illi saħħitha marret lura tant li ma kinitx aktar tajba biex tirritorna lura d-dar u għalhekk daħlet fid-dar tal-anzjani Central Home, il-Mosta sakemm fl-aħħar xhur ta' ħajjitha ġiet trasferita għall-isptar San Vincenz de Paul stante illi kienet teħtieġ kura akbar. Hija mietet fl-età ta' 93 sena.*

*L-atturi kkonċentraw il-provi tagħhom fuq allegazzjoni ta' inkapaċità mentali kkawżata mid-dimentia li rrendiet lil Elizabetta Pace inkapaċi li tagħmel testment. Din ix-xhieda ġiet fermament ikkontestata mill-konvenut li jisħaq li mhuwiex minnu li kienet tbati bid-dimentia u li fil-fehma tiegħu Elizabetta Pace baqgħet fi stat mentali tajjeb sal-aħħar ta' ħajjitha.*

*Hija evidenti t-tilwima familjari li wasslet lill-partijiet, aħwa, sabiex iduru kontra xulxin. Waqt li l-atturi qegħdin jallegaw manuvri da parti tal-konvenut sabiex jikseb vantaġġi personali, il-konvenut saħaq illi partikolarment mindu ġiet rikoverata, Elizabetta Pace ġiet abbandunata mill-familjari tagħha. Jisħaq illi kienu biss hu u martu Antoinette Camilleri li baqgħu jieħdu ħsieb Elizabetta Pace u baqgħu iżuruha b'mod frekwenti. Jgħid illi din dejjem għarfithom, kellmithom u rraġunat magħhom. Issokta jgħid illi kienet luċida, tiftakar il-passat, ħsiebha fiż-żiemel li darba kellha u fl-annimali tagħha. Jgħid ukoll li mhux darba jew tnejn ilmentat miegħu u ma' martu li ħadd ma kien imur iżurha. Mill-banda l-oħra it-teżi attriċi hija fis-sens li Pace kienet dgħajfa fiżikament u anki menalment tant illi meta kienu jżuruha lanqas biss kienet tagħrafhom jew tkellimhom.*

*Il-Qorti tqis opportun tfakkar lill-partijiet li din il-kawża hija waħda dwar impunjazzjoni ta' testment u mhux dwar serviġi fejn il-parti interessata jeħtiġilha tipprova fost l-oħrajn kemm għamlet mat-testatur sabiex tiġġustifika l-laxxitu favur tagħha. Fil-kawża tal-lum jeħtieġ unikament illi jiġi ppruvat jekk Pace kellhiex il-kapaċità mentali rikjesta mil-liġi sabiex tagħmel it-testment. Kull kwistjoni oħra hija irrelevanti u se mai għandha tiġi trattata f'forum separat.*

*Il-liġi toħloq preżunzjoni iuris tantum favur il-kapaċità u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni għar-regola. Il-prinċipju regolatur f'kawżi bħalma hija dik ta' llum fejn qiegħda tintalab ir-rexissjoni tat-testment, huwa dak ta' favur testmenti u ċjoè illi għandha tiġi rispettata l-aħħar volontà tat-testatur liema espressjoni għandha titqies bħala li saret bi piena volontà. Huwa għalhekk illi l-annullament tat-testment huwa meqjus bħala ħaġa serjissima tant illi l-Qrati tagħna dejjem kienu tendenzjalment sfavorevoli għar-rexissjoni tat-testment tant illi l-prova rikjesta mill-attur f'dan il-kamp hija waħda rigoruża ferm[2].*

*Il-prinċipji ġuridici li jirregolaw il-materja in diżamina ġew elenkati b'mod ċar fis-sentenza fl-ismijiet **Carmen Josephine Cassar vs. Louis sive Lewis Naudi et**, mogħtija fis-6 t'Ottubru, 2010, li rriteniet is-segwenti:*

*.........*

*Trattandosi hawnhekk dwar ir-rieda u l-kapaċità ta' persuna li ġiet nieqsa u li għalhekk ma jistgħux isiru fuqha aċċertamenti mediċi u legali, il-prova tal-inkapaċità trid tabilħaqq tkun ċara, univoka u konklussiva u kull dubju għandu jimmilita favur il-validità tat-testment. Fi kliem ieħor, il-Qorti ma tistax tibbaża l-konklużjoni tagħha dwar il-validità tat-testment fuq sempliċi konġetturi u possibilitajiet iżda trid tħares lejn jekk jirriżultawx indizji gravi li jippruvaw l-insanità tat-testatur fil-punctum temporis u ċjoè fi żmien prossimu meta t-testatriċi rrediġiet it-testment tagħha[3].*

*Dwar ir-raġonevolezza jingħad illi din hija wieħed mill-kriterji li għandhom jiggwidaw lill-ġudikant sabiex jasal għal deċiżjoni dwar il-kapaċità testamentarja u ċjoè biex jagħraf jekk fil-mument li kienet qiegħda tagħmel it-testment tagħha, it-testatriċi kinitx:*

*i) suffiċjentement konsapevoli minn dak illi kienet qiegħda tagħmel;*

*ii) mill-estensjoni tal-patrimonju tagħha;*

*iii) mill-mod ta' kif kienet qiegħda tirregola s-suċċjessjoni tagħha fis-sens li qiegħda tħalli laxxitu lil ċerta persuna/i u li tifhem l-effett ta' dak l-att f'kuntest tal-pretensjonijiet naturali ta' dawk il-persuni li jiġu esklużi mit-testment; u*

*iv) jekk kellhiex il-volontà sabiex tiddetta dawk id-dispożizzjonijiet – "mhux meħtieġ illi l-volontà intelliġenti u libera tat-testatur tkun rigorożament sana"[4]*

*L-impunjattività tirrikjedi prova li turi li t-testatur ma kienx jiddisponi b'dak*

---

2 *Ara: **Frank Cristiano v. Raymond Portelli et**, P.A., 31 ta' Mejju 2004*

3 *Ara: **Carmelina Busuttil v. Helen Portelli et**, P.A., 25 t'Ottubru 2013; **Grace Mangion pro et noe et v. Rita Sammut**, P.A., 27 t'Ottubru 2016; **Anton Ellul et v. Maria Busuttil et**, Qorti tal-Appell, 18 ta' Lulju 2017*

4 *Ara: **Mifsud vs Giordano**, ibid; **Charles Busuttil et v. Joan Cortis**, P.A., 2 ta' Mejju 2013*

*il-mod li kieku kien konsapevoli minn dak illi kien qiegħed jagħmel*[5].

*Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et****, deċiż minn din il-Qorti fl-20 ta' Ottubru 1971:*

> *«L-aħjar indizju fi kwistjonijiet simili huwa l-kontenut stess tat-testment li jista bli stranezza, bil-kontradittorjità jattesta għall-istat ta' infermità mentali tat-testatur.»*

*L-atturi jallegaw illi Elizabetta Pace għamlet it-testment li qiegħed jiġi impunjat sforz makkinazzjonijiet u manuvri perpetrati mill-konvenut u martu sabiex jieħdu vantaġġ mill-fraġilità tat-testatriċi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom iressqu diversi argumenti dwar dan b'mod partikolari jirreferu għal kawżi oħra fil-konfront tal-konvenut fejn il-konvenut ġie kkundattat (recte: kkundannat) għar-rifużjoni ta' flus li ħa mingħand ommu b'qerq. Għamlu referenza wkoll għal proċeduri oħra li għadhom pendenti quddiem din il-Qorti kif preseduta liema proċeduri wkoll jittrattaw allegat qerq mill-konvenut fil-konfront taz-zija tiegħu li hija wkoll oħt ommu u oħt it-testatriċi Elizabetta Pace. L-atturi qegħdin jallegaw li d-dispożizzjonijiet kienu dettati mill-konvenut u ma jirriflettux ir-rieda tat-testatriċi. Ikomplu jisħqu kemm it-testatriċi kienet mara retta li dejjem għamlet l-affarijiet b'tali mod u manjiera li ma tonqos lil ħadd u li l-wirt jinqasam ugwalment bejn il-familjari. Jgħidu wkoll illi tant dan huwa minnu li stante l-fatt illi ħuha Salvu Pace ma kienx ħallha laxxitu ugwali għall-familjari tiegħu, Elizabetta Pace rat illi fit-testment tagħha tal-5 ta' Settembru 2000 innominat lill-ħames neputijiet tagħha u ċjoè l-partijiet f'din il-kawża bħala eredi universali tagħha. Fl-istess testment tniżżlet ukoll il-kwota tal-wirt għal kull wieħed min-neputijiet biss it-testatriċi żiedet tgħid illi:*

> *«qiegħda tagħmel id-differenza fuq indikata bejn il-kwoti rispettivi tal-werrieta universali tagħha mhux biex tagħmel preferenza bejniethom imma sabiex b'hekk l-aħwa Camilleri jispiċċaw biex fl-aħħar mill-aħħar jirċievu ishma ndaqs bejniethom peress li ħuha Salvu Pace llum mejjet kien ħalla kwota ikbar lil Joseph Camilleri u t-testatriċi ma taqbilx li meta eventwalment issir il-qasma tal-proprjetà ereditarja tal-familja Pace ikun hemm preferenzi u vantaġġi bejn l-aħwa Camilleri.»*

*Sadanittant, bi qbil bejn il-partijiet kollha interessati saret il-qasma kif trid il-liġi u kull parti ġiet assenjata l-porzjon li messha minn dak il-wirt in piena proprjetà. Ma jirriżultax li xi ħadd mill-partijiet kien skomdu bil-mod kif saret il-qasma tant li l-konvenut xehed illi kulħadd ħalla f'idejn martu Antoinette Camilleri sabiex tieħu ħsieb il-biċċa xogħol dwar il-qasma u kulħadd deher kuntent b'dak illi ħa.*

*Kif diġà ngħad il-kwistjoni hija l-validità tat-testment redatt minn Elizabetta Pace fit-18 ta' Frar 2009. Sabiex juru l-iżlealtà u l-manuvrar tal-konvenut u martu, l-atturi ġabu a konjizzjoni ta' din il-Qorti il-fatt li kien hemm diversi proċeduri fil-konfront tal-konvenut u martu sia fil-kamp*

[5] *Ara* **Lorenza Bonnici et v. Maria Dolores Mifsud et***, P.A. 26 ta' Settembru 2013*

*kriminali kif ukoll fil-kamp ċivili.*

*Il-proċess penali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs John Camilleri u Antoinette Camilleri*** *kien jitratta tehid ta' flus ta' Catherine Pace ossia z-zija tal-partijiet. B'sentenza tal-4 ta' Novembru 2019 il-Qorti tal-Maġistrati ddikjarat lill-imputati bħala mhux ħatja tal-akkużi kollha kif dedotti fil-konfront tagħhom. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-11 ta' Frar 2020.*

*Intant b'sentenza tat-30 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet* ***Giuseppa sive Josephine Camilleri vs John Camilleri et****, il-Qorti laqgħet it-talbiet u ddikjarat illi l-kuntratti ta' donazzjoni u t-testment datati 14 ta' Ġunju 2010 kienu vizzjati b'qerq dan wara li Giuseppa sive Josephine Camilleri u ċjoè omm il-konvenut, ġiet minnu ndotta f'ingann meta waqt illi kien mingħaliha li sejra tagħmel testment spiċċat inkonsapevolment għamlet sia testment kif ukoll att ta' donazzjoni dejjem favur binha John Camilleri. Waqt illi ordnat ir-rexissjoni tal-imsemmija atti, il-Qorti ordnat ukoll lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi l-flus kollha li kienu ħadu mingħandha b'qerq. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell fil-11 ta' Frar 2020.*

*L-atturi jakkampaw fuq dawn il-fatti sabiex juru li l-konvenut ħsiebu biss li jakkwista favur tiegħu tant li saħansitra wasal inganna u qarraq bl-istess ommu. Jgħidu għalhekk illi bl-istess mod kif inganna lill-ommu seta' faċilment għamel il-manuvri kollha meħtieġa sabiex Elizabetta Pace fil-fraġilità kollha tagħha, kemm dik fiżika kif ukoll dik psikika, għamlet testment li jiffavorixxi lill-konvenut.*

*Dwar l-impunjazzjoni minħabba suġġestjoni jew pressjoni, jingħad illi se mai tippresupponi l-kapaċità tat-testatur li tant kien konxju tal-pressjoni li kien qiegħed iġarrab li għażel li jċedi u jbaxxi rasu għal dik il-pressjoni. Jingħad għalhekk illi l-pressjoni u s-suġġestjoni jikkozzaw mat-teżi tal-impunjazzjoni kawża ta' inkapaċità mentali*[6]*. Ingħad ukoll illi għalkemm jista' jirriżulta li kien hemm xi tip ta' pressjoni sabiex isir testment, l-impunjazzjoni tirrikjedi l-prova li t-testatriċi ma kinitx f'sensiha b'tali mod u manjiera li ma kinitx kapaċi tiddeċiedi b'moħħha*[7]*.*

*F'dan il-kuntest jassumu mportanza akbar il-fehmiet espressi minn persuni professjonali bħalma huma t-tabib kuranti tat-testatriċi kif ukoll in-Nutar li rrediġa t-testment u li allura jkunu f'pożizzjoni li jitfgħu aktar dawl fuq l-istat u l-imġieba tat-testatriċi fiż-żmien rilevanti.*

*It-testment illi qiegħed jiġi impunjat bis-saħħa ta' din il-kawża huwa dak li għamlet it-testatriċi fit-18 ta' Frar 2009 u allura jrid jiġi ppruvat illi f'dak il-perjodu t-testatriċi kienet għaddejja minn żmien ta' instabilità mentali li rrendietha inkapaċi li tapprezza dak illi kienet qiegħda tagħmel. Irid jingħad illi mhux pretiż mill-attur li jressaq prova tal-inkapaċità dakinhar*

[6] *Ara:* ***Reverendu Saċerdot Giuseppe Desira v. Noel Agius et****, P.A., 5 ta' Ottubru 1994*
[7] *Ara:* ***Joseph Galea pro et noe et v. Maria mart Michele Camilleri****, Qorti tal-Appell, 1 ta' Lulju 2015;* ***Anton Ellul et v. Maria Busuttil et****, P.A., 14 ta' Jannar 2013*

*li sar it-testment għaliex il-fattur taż-żmien jieħu inkonsiderazzjoni perjodu u mhux il-mument speċifiku li fih isir l-att. Dak illi l-attur irid jagħmel il-prova tiegħu huwa l-aġir tat-testatriċi fiż-żmien li fih sar it-testment.*

*Kruċjali għall-kawżi bħalma hija dik tal-lum, hija x-xhieda tan-Nutar li jkun irrediġa t-testment u għalhekk huwa l-persuna l-aktar idonea biex tiddeskrivi u allura tistabbilixxi jekk it-testatur kienx konsapevoli minn dak illi kien qiegħed jagħmel fil-mument li sar it-testment. Fil-każ ta' llum in-Nutar George sive Jurgen Galea li rrediġa t-testment ma xehedx f'dawn il-proċeduri għalkemm xehed fil-proċeduri penali u fil-kawża mibdija minn Guzeppe Camilleri. Il-Qorti ma tistax ħlief tosserva kif prova daqstant kruċjali baqgħet ma saritx, la minn parti u lanqas minn oħra. Mill-banda l-oħra tressqet sabiex tixhed in-Nutar Mariella Mizzi li għalkemm taħdem fl-istess uffiċċju tan-Nutar Galea xehdet skjettament li ma kinitx involuta fil-kwistjoni tat-testment li qiegħed jiġi impunjat u għalhekk ma setgħetx tixħet dawl fuq il-mertu tal-vertenza.*

*In-nuqqas ta' din it-testimonjanza fundamentali jħalli diversi perplessitajiet fil-ħsieb ta' din il-Qorti. Waqt illi jibqa' mhux magħruf l-istat mentali tat-testatriċi fil-mument partikolari li fih ġie redatt it-testment, il-Qorti hija rinfaċċata b'sitwazzjoni u fatti li jixħtu dubju sejru dwar l-intenzjoni u l-kapaċità tat-testatriċi. Huma diversi l-fatturi li qieset il-Qorti f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok, huwa l-konvenut stess illi jgħid illi t-testatriċi qalet lilu li riedet tagħmel testment. Jgħid ukoll li kienet tgħidlu li ħadd ħliefu u martu ma kienu jżuruha. Korroborazzjoni ta' x'intqal bejn il-konvenut u t-testatriċi ma hemmx lanqas minn xi ħaddiem tal-faċilitajiet ta' kura fejn kienet rikoverata t-testatriċi. In oltre, il-konvenut stess jikkonċedi li kien hu li kkuntattja lin-Nutar Galea u li kien dejjem l-istess konvenut li fuq struzzjonijiet tal-imsemmi Nutar inkariga lill-psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino sabiex jeżamina l-istat mentali tat-testatriċi.*

*Il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-każ deċiż fis-sena 1975 mill-Qrati Ingliżi fl-ismijiet* ***Kenward vs Adams*** *fejn il-Qorti stabbiliet illi:*

> *«In the case of an aged testator or a testator who has suffered illness, there is one golden rule which should always be observed, however straightforward matters may appear, and however difficult or tactless it may be to suggest that precautions be taken: the rule is that the making of a will by such a testator ought to be witnessed or approved by a medical practitioner who satisfies himself of the capacity and understanding of the testator, and records and preserves his examination and finding.»*

*Iċ-ċerifikat mediku, anki jekk suġġett għall-kontestazzjoni, huwa prova b'saħħitha f'każ illi tiġi kontestat l-validità tat-testment[8]. Il-Qorti sejra għalissa tiffoka fuq l-irwol żvolt min-Nutar Jurgen Galea qabel tgħaddi sabiex tagħmel l-evalwazzjoni tagħha rigwardanti ċ-ċertifikazzjoni*

[8] *Ara:* ***Anton Ellul et v. Maria Busuttil et****, P.A., 14 ta' Jannar 2013*

*medika.*

*Għal din il-Qorti il-fatt illi n-Nutar talab ċertifikat mediku juri ċertu livell ta' serjetà da parti tiegħu fis-sens illi ried jaċċerta ruħu li t-testatriċi tiġi eżaminata minn tabib u li jinħareġ ċertifikat mediku li jattesta jekk it-testatriċi kienitx kapaċi tagħmel testment dakinhar li għamlitu. Fil-każ tal-lum iċ-ċertifikat mediku huwa datat 17 ta' Frar 2009 waqt illi t-testment huwa datat 18 ta' Frar 2009.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jirrilevaw illi n-Nutar Galea mar fid-dar tal-anzjani fejn kienet qiegħda tirrisjedi t-testatriċi b'kopja ġa stampata tat-testment tant illi l-uniċi inserzjonijiet fl-att li saru bil-pinna tan-Nutar jirreferu għad-data li fiha sar l-att impunjat u d-dettalji tax-xhieda.*

*Il-Qorti tosserva illi mill-provi ħareġ b'mod ċar li n-Nutar iltaqa' mat-testatriċi darba waħda biss u ċjoè dakinhar illi sar it-testment. Fl-istess waqt mill-provi ma jirriżultax li dak il-ħin li sar it-testment in-Nutar talab li jistampa kopja tal-att kif lanqas ma daħħal id-data u d-dettalji tax-xhieda b'mod stampat. Dawn il-fatturi jpoġġu f'moħħ il-Qorti l-ħsieb illi n-Nutar Galea mar quddiem it-testatriċi bit-testment ġa abbozzat u li meta n-Nutar żar lit-testatriċi din kienet biss formalità fejn inqara t-testment u b'xi mod inkisbet il-firma tat-testatriċi. La huwa mifhum f'liema stat mentali kienet it-testatriċi f'dak il-mument u lanqas ma huwa magħruf jekk fehmitx l-implikazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha fuq dak l-att.*

*Naturalment kien jinkombi fuq l-atturi li jressqu l-prova dwar il-kapaċità u l-istat mentali tat-testatriċi fil-mument u apparti li jesebixxu kopji taċ-ċertifikati mediċi, waħda mill-aqwa provi li setgħu ġabu 'l quddiem kellha tkun ix-xhieda tan-Nutar Galea. Biss, anki jekk il-piż tal-prova jinkombi fuq l-atturi, kien fl-interess tal-konvenut illi jara li n-Nutar Galea jixhed f'dawn il-proċeduri għaliex fl-aħjar ipoteżi għalih, in-Nutar seta' jikkonferma l-luċidità u l-konsapevolezza tat-testatriċi fil-mument li fih sar it-testment. Għal din il-Qorti, in-nuqqas ta' din il-prova huwa konferma tal-fatt li kollox kien pre-fabbrikat bin-Nutar Galea jirrifletti fit-testment ix-xewqa tal-konvenut waqt illi jwettaqha billi b'xi mod jikseb il-firma tat-testatriċi. Għal kull buon fini l-Qorti żżid tgħid illi mhuwiex kontestat illi l-firma fuq it-testment hija proprju dik ta' Elizabetta Pace.*

*Id-dubji tal-Qorti dwar il-vera volontà tat-testatriċi jkomplu jissaħħu meta jsir eżami komparattiv bejn it-testment datat 5 ta' Settembru 2000 u dak tat-18 ta' Frar 2009. Bis-saħħa tal-ewwel testment, kif sussegwentement il-kontenut tiegħu ġie kkonfermat bit-testment tal-1 ta' Diċembru 2006, waqt illi nnominat lin-neputijiet tagħha aħwa Camilleri bħala l-eredi universali tagħha, Elizabetta Pace ħasbet ukoll f'ħutha u ħalliet b'titlu ta' legat favur tagħhom "fi kwoti ndaqs bejniethom, id-dritt tal-użu u l-użufrutt ta' l-assi universali tagħha kollha kemm huma". Jidher però li Elizabetta Pace ma ħalliet ebda dispożizzjoni favur ħutha fit-testment li qiegħed jiġi impunjat. Il-Qorti allura tistaqsi kif bniedma li hija deskritta bħala persuna*

*li ma tridx differenzi tista' tasal mhux biss li tħalli neputi wieħed bħala l-eredi universali tagħha iżda illi saħansitra nesiet lil ħutha li għexet prattikament għomorha kollu magħhom u tant kienet qrib tagħhom tul ħajjitha? Mill-atti ma jirriżultax li l-aħwa Pace kienu kisruha tant li kellhom jiġu esklużi mill-wirt tagħha. Lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi diżgwid bejn l-aħwa Camilleri u t-testatriċi. Dawn iċ-ċirkostanzi, speċifikament in-nuqqas ta' raġuni wara d-dispożizzjonijiet testamentarji ta' Elizabetta Pace, jkompli jsaħħu l-fehma tal-Qorti li t-testment ma jirrispekkjax il-volontà u l-konsapevolezza ta' Pace fuq l-att li kienet qiegħda tagħmel.*

*Ferm il-premess, il-Qorti sejra issa tgħaddi għall-prova taċ-ċertifikazzjoni medika dwar l-istat mentali tat-testatriċi. Sejra tibda billi tagħti rendikont kronoloġiku taċ-ċertifikazzjoni li nħarġet fil-konfront ta' Elizabetta Pace.*

*Mill-provi rriżulta illi t-tabib kuranti tat-testatriċi kien Dr. Philip Sciortino biss dan ma tressaqx sabiex jixhed fil-proċeduri de quo.*

*Xehed it-tabib Chris Muscat li kkonferma li hu ltaqa' mat-testatriċi meta din diġà kellha 90 sena u invistaha fuq talba ta' wieħed min-neputijiet tagħha, David Camilleri, li nzerta ħabib tal-istess tabib. Dr. Muscat ħareġ ċertifikat datat 15 ta' Novembru 2007 fejn huwa ċċertifika lil Elizabetta Pace bħala li tbati minn "severe dementia and is disoriented to time and place and person." F'ċertifikat sussegwenti li ħareġ fl-10 ta' Frar 2008 it-Tabib Muscat jgħid illi "She is severely demented and disoriented to time and persona and place."*

*Fix-xhieda tiegħu t-Tabib Muscat qal illi f'mument minnhom kien huwa stess illi ssuġġerixxi li tiġi rikoverata għaliex ma kinitx għadha tajba biex tibqa' d-dar. F'dan ir-rigward kien ħareġ iċ-ċertifikat mediku tal-10 ta' Frar 2008 sabiex b'hekk Pace setgħet taqbeż il-lista twila ta' stennija li hemm sabiex wieħed jiddaħħal f'residenza tal-anzjani.*

*Huwa xehed illi f'dan il-każ ikkonstata li Pace kienet tbati minn dementia senili mill-mod ta' kif hija kienet iġġib ruħha u mit-tweġibiet għal domandi bażiċi li għamlilha. Żied jgħid illi hu qatt ma raha f'mument ta' luċidità.*

*Xehed ukoll it-Tabib Godfrey Farrugia li spjega li l-aħħar li ra lil Elizabetta Pace kien lejn l-aħħar tas-sena 2007 u ġa dak iż-żmien kienet timmanifesta sinjali ta' diżorjentament u stat ta' konfużjoni. Huwa rrilaxxja ċertifikat datat 27 t'April 2011 f'dan ir-rigward.*

*Dr. Giacinto Bartolo, Uffiċjal Mediku fi ħdan Mosta Central Home xehed illi Elizabetta Pace ġiet rikoverata fl-imsemmija struttura fis-6 ta' Novembru 2008, fl-età ta' 91 sena għaliex kienet teħtieġ kura residenzjali. Jgħid illi ġa dakinhar hija kienet "suffering from dementia and was disoriented to time and place from day one." Żied jgħid illi hija kienet totalment dipendenti fuq l-għajnuna kawża tal-istat mentali tagħha. Issokta jgħid illi:*

> *«Elizabetta Pace suffered from severe visual hallucinations, seeing*

> *persons in her room who were not actually there and repeatedly mentioned actually seeing a horse in her room indeed she lived in an existence of her own. She was frequently confused and completely disoriented at times.»*

*Kompla jixhed illi Pace kienet tbati minn "advanced dementia with extremely poor cognitive function, having visual hallucinations" u dan ġa mis-sena 2008 tant illi fil-fehma tiegħu hija ma kellhiex il-kapaċità testamentarja sabiex tagħmel atti ċivili u kienet ilha f'dan l-istat sa minn tal-anqas minn Novembru tas-sena 2008.*

*Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, it-Tabib Bartolo xehed illi Pace kienet tkun disturbata ħafna matul il-lejl tant illi kien ikun hemm diversi lamenteli minn residenti oħra għaliex ma kinitx tħallihom jorqdu. Għalhekk Pace ġiet preskritta xi mediċini sabiex jgħinuha torqod aħjar. Għalkemm ma jeskludix li kellha mumenti luċidi jgħid illi huwa qatt ma raha f'dan l-istat.*

*Dr. Peter Ferry, Consultant Geriatrician li ħadem ukoll mal-pazjenti rikoverati fl-isptar Karin Grech, xehed illi huwa kien ġie avviċinat mit-tabib Dr. Philip Sciortino u flimkien eżaminaw lil Elizabetta Pace nhar it-18 t'April 2007 ġewwa d-dar tagħha. Spjega illi sussegwentement għall-mewt ta' oħtha Philippa, it-testatriċi bdiet tbati minn depressjoni tant illi ntefgħet fis-sodda u lanqas timxi aktar ma riedet. Kompla jixhed illi meta ġiet rikoverata ġewwa l-isptar Karin Grech kien sarilha eżami mediku għad-dimentia. Dr. Ferry spjega illi l-marka ta' zero (0) tindika li l-pazjent qiegħed ibati minn dimenzja akuta waqt illi marka ta' 10 tindika ili l-pazjent m'għandux dimenzja. Fil-każ ta' Elizabetta Pace hija ġabet marka ta' 4 minn 10. Pace ġiet sottomessa għal eżamijiet ulterjuri u f'wieħed minnhom addirittura ġabet marka ta' 2 minn 10. Dr. Ferry kompla jixhed li dawn il-marki urew li hija kienet qiegħda tbati minn dimentia. Is-sitwazzjoni tagħha kienet tali li saħansitra riedet min ifakkarha biex tagħmel anki l-aktar affarijiet sempliċi bħal tagħlaq vit, titqalleb fis-sodda, fost l-oħrajn.*

*Dr. Ferry kompla jixhed illi fis-26 ta' Awwissu 2009 Elizabetta Pace ġiet sottomessa għal CT scan li wera li hija kellha advanced athropic changes li għalkemm jistgħu jiġu bl-età, huma sinjali aktar evidenti f'pazjenti li jsofru mid-dimentia. Kompla jgħid illi tant kienet servera l-kondizzjoni ta' Pace li fil-25 ta' Ottubru 2010 kien sarilha referral biex tiġi rikoverata f'faċilità aktar idonea għal dawn it-tip ta' pazjenti u l-bżonnijiet tagħhom.*

*Il-konvenuti għażlu li ma jagħmlux kontro-eżami lil Dr. Peter Ferry.*

*Il-Qorti rat ukoll ir-rapport redatt ex parte mill-psikjatra Dr. Anthony Dimech fuq inkarigu tal-atturi. Minn dan ir-rapport jirriżulta illi l-espert ex-parte qatt ma ltaqa' mat-testatriċi u għalhekk ir-rapport tiegħu huwa bbażat esklussivament fuq dak illi rriżulta lilu miċ-ċertifikati rilaxxjati mit-tobba Dr. Giacinto Bartolo, Dr. Godfrey Farrugia, Dr. Chris Muscat u Dr.*

*Joseph Vella Baldacchino. L-espert ex parte ddikjara wkoll illi ra x-xhieda li nġabru fil-kors tal-proċeduri odjerni kif ukoll it-testment impunjat. Huwa jikkonkludi illi fiż-żmien illi Elizabetta Pace għamlet it-testment hija:*

> *«was sufferring from advanced dementia in February 2009 and in my professional opinion, as a result of the nature and degree of her mental illness, she did not have testamentary capacity.»*

*Il-Qorti tosserva illi waqt li l-konvenuti ressqu talba għall-isfilz tar-rapport redatt ex parte, liema rikors ġie miċħud, il-konvenuti għażlu li ma jagħmlux kontroeżami lill-imsemmi espert.*

*Waqt illi ħadet inkonsiderazzjoni l-fehma espressa mill-espert ex parte, fl-istess waqt il-Qorti qegħda tiżen dan ir-rapport b'ċirkospezzjoni. Apparti l-fatt li l-espert inkwistjoni ibbaża l-fehma tiegħu fuq dak li jirriżulta mill-atti mingħajr qatt ma kellu l-opportunità li jeżamina lill-attriċi di persona, il-Qorti qiegħda tieħu inkonsiderazzjoni l-fatt li dan ir-rapport ċertament illi għandu element ta' soġġettività.*

*Fuq struzzjoniet tan-Nutar Galea, il-konvenut talab lill-psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino sabiex jeżamina lil Elizabetta Pace. Dr. Vella Baldacchino tkellem personalment mat-testatriċi meta nvistaha fid-dar residenzjali tal-Mosta fejn kienet rikoverata. Il-vista medika saret fis-17 ta' Frar 2009 u ċjoè lejliet li sar it-testment impunjat. Dr. Vella Baldacchino iċċertifika li dakinhar Pace kienet orjentata tajjeb, kienet taf tesprimi s-sinifikat li tirrediġi testment. Osserva li: "Her judgment and cognitive function are well present" tant illi rrilaxxja ċertifikat fejn jattesta li t-testatriċi ma kinitx qiegħda tbati minn mard mentali.*

*Meta xehed quddiem din il-Qorti, Dr. Vella Baldacchino kkonferma li ċ-ċertifikat rilaxxjat minnu fis-17 ta' Frar 2009 huwa msejjes fuq kif ra lit-testatriċi dakinhar. Xehed illi jista' jagħti l-każ illi jew qabel jew wara dakinhar Pace kienet fi stat mentali ieħor, stat konfużjonali li madanakollu ma jammontax għal stat ta' dimentia. Issokta jgħid illi meta jqis dak illi niżżel Dr. Bartolo fiċ-ċertifikat rilaxxjat minnu, aktar jidher li Pace kienet fi stat konfużjonali.*

*Dr. Vella Baldacchino fisser li sabiex tiċċertifika persuna bħala li għandha l-kapaċità testamentarja huwa meħtieġ biss li wieħed iħares lejn il-luċidità tal-persuna. Spjega illi li kieku l-każ kien dwar kuntratt jew att ta' donazzjon, l-eżami mediku kien ikun aktar approfondit billi kienet issir aċċertazzjoni akbar dwar il-kapaċitajiet mentali tal-persuna partikolarment dwar jekk hijiex tifhem għalxiex dieħla u l-valur tal-att. F'dan il-każ Pace uriet li kienet taf xi jfisser testment. Hija ma dehritx li kellha traċċi ta' mard psikjatriku tant illi żied jgħid illi:*

> *«Il-ġudizzju tagħha kien tajjeb fis-sens li kienet taf fejn qiegħda u kienet taf x'inhi tagħmel u rrispondiet għad-domandi b'mod korrett relatat ma' l-aspett ta' testment.»*

*Kompla jixhed illi l-fatt li jkun hemm disorientation to time and place ma*

*jfissirx li b'daqshekk il-pazjent qiegħed ibati minn dimentia. Issokta jgħid illi d-dimentia hija kundizzjoni progressiva u mhux lok li l-pazjent ikollu dimentia llum u għada jgħaddilu. Żied jgħid illi ċ-ċertifikat minnu rilaxxjat huwa rilevanti u relattiv għall-ħin li fih ikun sar tant illi jinsisti mal-persuni nteressati li testment għandu jsir fi żmien massimu ta' 24 siegħa minn mindu jiġi rilaxxjat iċ-ċertifikat.*

*Dr. Vella Baldacchino kkonferma li hu ma rax il-faxxiklu mediku ta' Elizabetta Pace qabel eżaminaha.*

*Il-Qorti qieset bir-reqqa dak kollu li rriżultalha mill-inkartament voluminuż ta' dan il-proċess. Xtarret dak illi xehdu t-tobba li raw lit-testatriċi, wieżnet ix-xhieda tal-familjari tagħha u qieset ukoll id-disposizzjonijiet kif jirriżultaw mit-testment tat-18 ta' Frar 2009.*

*Il-Qorti ma tistax ma tosservax li hemm inkroguwenza kbira bejn dak li jirriżulta mit-testment impunjat u dak illi jirriżulta minn dawk preċedenti. Il-laxxitu kif jirriżulta mit-testment impunjat jikkozza wkoll ma kif ġiet deskritta l-istess testatriċi fis-sens li hija persuna li ma tagħmilx differenzi tant illi bit-testment tagħha tal-5 ta' Settembru 2000 hija ddikjarat li l-laxxitu kif sar fuq dak it-testment kien intenzjonat propju biex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet ta' ħuha meta ma ħalliex laxxitu ugwali lin-neputijiet tiegħu. Il-Qorti qieset ukoll li bl-aħħar testment tagħha t-testatriċi ħalliet barra kompletament lil ħutha li jirriżulta li dejjem kellhom relazzjoni tajba bejniethom u li ftakret fihom fit-testmenti preċedenti tagħha. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-dispożizzjonijiet kif jirriżultaw mit-testment impunjat għalkemm inspjegabli u jkomplu jsaħħu l-fehma tal-Qorti li l-konvenut irranġa l-affarijiet kif jaqbel lilu. Madanakollu lanqas ma tista' l-Qorti tinjora l-laxxiti magħmula a favur terzi. Biss, il-kawża odjerna mhijiex sabiex jiġi stabbilit li t-testment sar b'qerq iżda sabiex jiġi determinat jekk it-testatriċi kelliex il-kapaċità mentali sabiex tagħmel testment.*

*Abbażi tal-prinċipji legali enunċjati aktar 'il fuq, il-fulkrum tal-kwistjoni jibqa' l-kapaċità testamentajra in punctum temporis li madanakollu ma nġabet lilha ebda prova li twassalha tiddubita fl-oġġettività tiegħu, dan dejjem relattivament għall-ġurnata partikolari meta sar l-eżami, kif ingħad huwa ż-żmien relattivament viċin għal meta sar l-att impunjat. F'dan il-każ il-Qorti għandha quddiemha għadd ta' ċertifikati mediċi fejn waqt illi t-tobba tal-familja u t-tabib ġerjatriku ddikjaraw li t-testatriċi kienet ilha minn tal-anqas mis-sena 2007 ssofri minn dimentia qawwija, iċ-ċertifikat rilaxxjat mill-psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino jixhed eżattament il-kuntrarju u ċjoè li proprju sa lejliet li sar it-testment, "Her judgment and cognitive function are well present."*

*Il-Qorti hija ben konsapevoli mill-fatt illi l-psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino ġie inkarigat mill-konvenut.*

*Tenut kont illi f'dan il-każ baqa' ma xehedx in-Nutar li rrediġa t-testment, tenut ukoll kont tal-kunflitt tal-provi, tenut kont ukoll tal-fatt li x-xhud fuq*

*l-att ma tefgħet ebda dawl fuq l-istat tat-testatriċi fil-mument li sar it-testment, tenut kont ukoll tal-aġir qarrieqi tal-konvenut fil-konfront ta' familjari oħra tiegħu, fl-istess waqt ma tqisx li għandha quddiemha provi univoċi, ċari u suffiċjenti kif tesiġi l-liġi b'mod tassattiv, sabiex tiddikjara l-inkapaċità testamentarja ta' Elizabetta Pace. Tqis illi l-atturi ma seħħilhomx iressqu provi konkludenti sabiex jikkontestaw u jiskreditaw iċ-ċertifikazzjoni maħruġa mill-espert psikjatriku li del resto mhux biss huwa l-espert in materia iżda huwa wkoll l-unika espert li eżamina lill-attriċi fiż-żmien immedjatament viċin id-data meta sar it-testment. Il-Qorti qiegħda tgħid dan għaliex il-bqija tat-tobba li xehdu f'dawn il-proċeduri lkoll kien ilhom is-snin ma jeżaminaw lit-testatriċi medikament u għalhekk ċertament illi għalkemm l-opinjoni tagħhom ma tistax tiġi skreditata, wieħed irid iqis dawn l-opinjonijiet fil-kuntest ta' dak li xehed il-psikjatra Dr. Joseph Vella Baldacchino meta qal li d-dimentia hija xi ħaġa progressiva li tmur għall-agħar maż-żmien u li huwa aktar probabbli li t-testatriċi kienet tinsab fi stat konfużjonali li aktarx ġie skambjat bħala sintomatiku ta' dimenzja. Din it-teżi ma ġietx kontradetta.*

*Meta tqis il-fatti u l-opinjonijiet mediċi espressi, din il-Qorti ma tistax tasal għal fehma mitluba mill-atturi li tirriżulta prova ċara u inekwivoka li Elizabetta sive Lisa Pace kienet inkapaċi fil-grad mitlub mil-liġi sabiex tersaq għat-testment tat-18 ta' Frar 2009.*

*Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni, tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet u tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti.*

*L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-atturi fi kwoti ndaqs benjiethom.»*

11. L-atturi Joseph Camilleri, Albert Philip Camilleri u Mary Grace Catania appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fil-5 ta' Mejju, 2023, b'aggravju waħdieni dwar l-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti.

12. L-attur David Camilleri ressaq appell waħdu mis-sentenza tal-Ewwel Qorti b'rikors imressaq fil-15 ta' Mejju, 2023, b'erba' aggravji.

13. L-atturi Joseph Camilleri, Albert Philip Camilleri u Mary Grace

Catania wieġbu għall-appell ta' David Camilleri nhar l-1 ta' Ġunju, 2023 u ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu mal-istess appell.

14. Il-konvenut John Camilleri ressaq żewġ tweġibiet għall-appelli mressqa nhar il-5 ta' Ġunju, 2023, li permezz tagħhom ta r-raġunijiet għaliex iż-żewġ appelli għandhom jiġu miċħuda.

15. Inżamm smigħ nhar it-3 ta' Settembru, 2024 fejn tressqu s-sottomissjonijiet orali u l-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Illi l-aggravji tal-appellanti mressqa separatament fir-rigward tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-17 ta' April, 2023, huma msejsa prinċipalment fuq l-għarbiel li l-Ewwel Qorti wettqet tal-provi u x-xhieda li kellha quddiemha u li l-appellanti jsostnu li sar ħażin. L-appellant David Camilleri jressaq aggravji oħra, iżda ħlief għall-kwistjoni dwar il-grad tal-prova meħtieġa f'kawżi bħal dawk tal-lum, dawn jirkbu fuq l-aggravju mressaq mill-atturi l-oħra.

17. Qabelxejn, il-prinċipji ġenerali li għandhom imexxu lil din il-Qorti huma dawn li ġejjin.

18. L-**Artikolu 596(1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li: *«Dawk kollha li mhumiex magħduda inkapaċi taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jistgħu jiddisponu jew jirċievu b'testment.»*

19. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ġunju, 1884 fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Borg et v. Marianna moglie di Antonio Cini et*** qalet li:

> *«Attesocché, per la capacità di testare, è l'integritas mentis, non corporis, che si richiede, a meno che il vizio fisico non fosse tale da affettare sfavorevolmente l'intelligenza, perché nel resto, per quanto gravi possa essere l'infermità, se non altera le funzioni della intelligenza, se il malato può comunicare il suo pensiero, è, per riguardo a volontà del testamento indifferenti che il testatore sopraviva allo stesso, o muoia dopo poche ore, anzi anche istantaneamente dopo il perfenzionamenti dello stesso; il diritto di testare, pel capace a farlo, non cessa che colla vita dello stesso.»* (L-**Alfabett tal-Kodiċi Ċivili** per **Imħallef Emeritus Dr Philip Sciberras**, Volum E-J).

20. L-**Artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili** mbagħad jispeċifika min huwa inkapaċi li jiddisponi minn ġidu b'testment.

21. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Frar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ellul et v. Angela Ellul et***, saret referenza għall-prinċipji li ġew stabbiliti mill-Qrati tagħna fil-każijiet ta' impunjazzjoni ta' atti testamentarji minħabba l-allegata inkapaċità mentali tat-testatur li ssemmew mill-Ewwel Qorti:

> *«i. Il-preżunzjoni "iuris tantum" hija li t-testatur kellu l-kapaċità li jagħmel it-testment u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni li t-testatur ma kellux tali kapaċità trid tiġi pruvata b'mod xieraq;*
>
> *ii. Tkun inkapaċi milli tagħmel testment dik il-persuna li fiż-żmien tal-att ma tkunx f'sensiha, u l-inkapaċità għandha tiġi ppruvata minn min irid iwaqqa' t-testment;*

*iii. Biex persuna tkun kapaċi tagħmel testment mhux neċessarju li tkun perfettament u rigorożament sana minn moħħha, iżda hu biżżejjed li jkollha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tkun taf x'inhi tagħmel;*

*iv. Biex jiġi stabbilit li l-persuna ma kinitx f'sensiha jridu jirriżultaw indizji gravi;*

*v. Biex jitħassar testment irid jirriżulta b'mod ċert u minn fatti preċiżi li ma jħallu l-ebda dubju li l-inkapaċità kienet teżisti fil-ħin li l-persuna kienet qed tagħmel l-att.»*

22. Meqjusa dawn il-prinċipji, ngħaddu għall-aggravju waħdieni tal-appellanti Joseph Camilleri, Albert Philip Camilleri u Mary Grace Catania, imfisser f'rikors tal-appell xejn anqas minn erbgħa u tletin paġna. Dak li se tagħmel din il-Qorti huwa li tislet fil-qosor ir-raġunijiet li taw dawn l-appellanti għalfejn skonthom l-għarbiel tal-provi u xhieda mwettaq mill-Ewwel Qorti ma kienx tajjeb.

23. Ibda biex, l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti warrbet ix-xhieda medika voluminuża mressqa minnhom, inkluż ta' tobba indipendenti u għażlet li timxi mat-teżi ta' Dr Joseph Vella Baldacchino fuq il-premessa ħażina li huwa kien l-uniku espert li eżamina lill-attriċi fiż-żmien immedjatament viċin id-data ta' meta sar it-testment u fuq il-premessa ħażina l-oħra li t-tobba li xehdu f'dawn il-proċeduri lkoll kienu ilhom is-snin ma jeżaminaw lit-testatriċi medikament. Jgħidu li proprju minħabba dawn il-premessi ħżiena l-Ewwel Qorti ma tatx il-piż li kellha tagħti lix-xhieda tagħhom, kif lanqas ma wieżnet u kkunsidrat sewwa x-xhieda soġġettiva ta' Dr Vella Baldacchino li qatt ma kien raha lit-testatriċi ħlief għal-laqgħa biss li kellu magħha ġurnata qabel ma sar it-testment.

24. Jgħidu li minkejja li l-Ewwel Qorti sabet illi t-testament sar fuq l-inizjattiva tal-konvenut u li *«kollox kien pre-fabbrikat bin-Nutar Galea jirrifletti fit-testment ix-xewqa tal-konvenut waqt illi jwettaqha billi b'xi mod jikseb il-firma tat-testatriċi»* u jżidu li hemm provi u ċirkostanzi minn fejn jirriżulta li t-testment mhux mera tar-rieda vera tat-testatriċi, xorta waħda ċaħdet it-talbiet attriċi. Jissoktaw jgħidu li din iċ-ċaħda ssejset fuq affermazzjonijiet ħżiena, ċjoè: (i) li mhux minnu li Dr Vella Baldacchino huwa l-uniku espert li eżamina lit-testatriċi fiż-żmien viċin id-data meta sar it-testment; (ii) li jirriżulta mill-provi li tul iż-żmien kollu ta' sentejn li Elizabetta Pace kienet residenti fiċ-Central Home ġewwa l-Mosta sa mis-6 ta' Novembru, 2008 hija kienet taħt il-kura ta' Dr Giacinto Bartolo li huwa l-uffiċjal mediku tad-dar tal-anzjani. Jiġi b'hekk li Dr Bartolo kien it-tabib kuranti ta' zithom; u (iii) li l-istess Dr Bartolo kien ra lil Elizabetta Pace fl-istess ġurnata meta raha Dr Vella Baldacchino kif jirriżulta mill-fajl mediku u mix-xhieda tiegħu. Dakinhar hija kienet disturbata ħafna mal-lejl. Jgħidu li Dr Bartolo ma tqabbadx minn xi wieħed mill-partijiet u huwa xhud indipendenti, li kellu għarfien tal-kundizzjoni medika tat-testatriċi u xehed ukoll *viva voce*, filwaqt li kkonferma r-rapport imħejji minnu (Dok A4 f'paġna 17 tal-proċess).

25. L-appellanti jgħidu li lanqas ma hu minnu li Dr Peter Ferry, xhud indipendenti, kien ilu snin ma jara lit-testatriċi. Kemm hu hekk, jgħidu li

hija kienet taħt il-kura tiegħu waqt ix-xhur li kienet residenti fl-Isptar Karin Grech mill-15 ta' April 2008 sas-6 ta' Novembru, 2008, u allura tliet xhur biss qabel ma sar it-testment inkwistjoni. Dan il-konsulent ġerjatriku xehed b'mod li ma ħalliex dubju li Elizabetta Pace kellha storja ta' dimenzja u ġiet ċertifikata li għandha dimenzja severa waqt li kienet fl-imsemmi sptar. Ma sar ebda kontroeżami lil dan ix-xhud.

26. Jissoktaw jgħidu li mix-xhieda ta' Dr Ferry u mill-fajl mediku tal-Isptar Karin Grech hemm prova oġġettiva li qabel ma sar it-testment fit-18 ta' Frar, 2009 it-testatriċi kienet diġà ġiet ċertifikata li tbati minn dimenzja severa, u anke s-CT *scan* tar-ras li sar fl-istess sena tat-testment juri li Liza Pace kellha *atrophic changes* avvanzati f'moħħha li ma kinux biss relatati ma' tibdil minħabba l-età iżda kkawżati mid-dimenzja. B'hekk jgħidu li la hija kellha dimenzja severa fis-sena 2008 żgur li kellha l-istess kundizzjoni fis-sena 2009 meta għamlet it-testment.

27. L-appellanti jilmentaw li huma jħossuhom aggravati bil-fatt li mkien ma jirriżulta mis-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti fliet u kkunsidrat il-kontenut tal-fajl mediku voluminuż tal-Isptar Karin Grech (minn fejn jirriżulta li t-testatriċi kienet *demented* u fi stat veru ħażin). Din hija prova importanti li jidher li twarrbet mill-Ewwel Qorti minkejja li skont l-**Artikolu 629 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** l-atti ta' korpi pubbliċi jitiqiesu li jippruvaw dak li jkun fihom sakemm ma jiġix pruvat il-

kuntrarju.

28. Jissoktaw jgħidu li fid-dawl tal-prova oġġettiva u mix-xhieda ta' Dr Ferry u Dr Bartolo, l-Ewwel Qorti qatt ma setgħet tgħid li t-teżi ta' Dr Vella Baldacchino li t-testatriċi kienet tinstab biss fi stat konfużjonarju li ġiet skambjata bħala sintomu ta' dimenzja ma ġietx kontradetta. Barra minn hekk, huma jirreferu għar-rapport *ex parte* tal-Psikjatra Dr Anthony Dimech li wara li ra l-fajls medici, ikkummenta fuq id-deċiżjoni ta' Dr Vella Baldacchino, u d-dokumentazzjoni mogħtija lilu, u kkonkluda li fi Frar 2009 meta sar it-testment, Elizabetta Pace kienet qiegħda tbati minn dimenzja avvanzata u fl-opinjoni tiegħu minħabba n-natura u l-gravità tal-mard mentali tagħha ma kellhiex kapaċità testamentarja.

29. Jgħidu li l-konvenut ma ressaq ebda xhud espert *ex parte* tal-esperjenza u speċjalizzazzjoni tal-psikjatra Dr Anthony Dimech biex jikkontradixxi l-konklużjonijiet li wasal għalihom dan ix-xhud, u lanqas sarlu kontroeżami.

30. L-appellanti jkomplu jilmentaw li x-xhieda ta' Dr Chris Muscat u ċ-ċertifikati maħruġa minnu ma messhomx twarrbu. Dan it-tabib li raha lit-testatriċi diversi drabi xehed li qatt ma raha luċida. Iżidu li x-xhieda tiegħu kienet importanti u tagħti stampa tar-realtà tal-kundizzjoni ta' zijithom sa minn qabel ġiet rikoverata fid-dar tal-anzjani. Dan ġie wkoll ikkonfermat

mit-tabib Dr Godfrey Farrugia li kien raha qabel.

31. L-appellanti jargumentaw li ladarba ċ-ċertifikat ta' Dr Vella Baldacchino ma sarx dakinhar stess tat-testment diffiċli wieħed jifhem kif l-Ewwel Qorti setgħet tkun daqstant konvinta li Liza Pace kellha l-kapaċità testamentarja. B'hekk jgħidu li ladarba dan iċ-ċertifikat ma sarx dak il-ħin tat-testment ftit jista' jkollu valur għall-validità tal-istess testment. Barra minn hekk, jgħidu li l-fatt li Dr Vella Baldacchino stess insista li t-testment kellu jsir malajr jekk jista' jkun dakinhar stess ifisser biss li Dr Vella Baldacchino stess kellu dubji serji kemm Elizabetta Pace kienet se tkun kapaċi tagħmel testment. L-appellanti jgħaddu mbagħad biex jikkritikaw l-eżami li wettaq Vella Baldacchino fis-sens li kien wieħed superfiċjali hekk kif fisser il-Psikjatra Anthony Dimech fir-rapport tiegħu.

32. L-appellanti jgħidu li għalkemm l-Ewwel Qorti għarfet li t-testment sar fuq inizjattiva tal-konvenut u ma kinitx konvinta li ma mexiex b'qerq, warrbet dan ix-xenarju xorta waħda. Jgħidu li għalkemm huwa veru li l-kawżali tal-azzjoni attriċi hi li hi, ċertament li dan kien fattur importanti meta l-Qorti tiżen il-provi kollha sabiex tiġġudika jekk it-testment sarx bl-għarfien u l-volontà vera tat-testatriċi li fl-aħħar mill-aħħar huma ż-żewġ elementi sabiex wieħed ikollu kapaċità testamentarja. Isostnu li huwa ovvju li n-Nutar mar bl-abbozz tat-testment lest ittajpjat, tant li l-unika parti tat-testment miktuba bl-idejn tan-Nutar Galea hija d-data u d-dettalji tax-

xhieda u dan meta huwa mar biss darba fid-dar tal-anzjani. B'hekk jgħidu li ma jistax ikun li t-testment jirrifletti x-xewqa espressa tat-testatriċi.

33. Jgħidu li filwaqt li huwa minnu li l-kawżali tar-rikors maħluf huma li Elizabetta Pace ma kellhiex il-kapaċità li tagħmel testment, madankollu kellhom kull dritt jippruvaw ir-rieda ħażina tal-konvenut fil-konfront tat-testatriċi, liema rieda ħażina ġiet definittivament stabbilita anke fil-konfront ta' ommu hekk kif jirriżulta mis-sentenza fl-ismijiet ***Giuseppa sive Josephine Camilleri v. John Camilleri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019. Dan kollu ma jġib ebda inkompatibilità mal-kawżali mressqa minnhom kif donnha qalet l-Ewwel Qorti. Fuq kollox ifakkru kif kien l-istess Nutar li b'kollużjoni mal-konvenut ippubblika l-kuntratt ta' donazzjoni ta' omm il-partijiet, liema kuntratt ġie annullat fuq il-kawżali tal-qerq.

34. L-appellanti jgħidu li huma wkoll aggravati bil-fatt li għalkemm l-Ewwel Qorti għarfet li d-dispożizzjonijiet tat-testment impunjat mhux raġonevoli, fil-konsiderazzjonijiet finali tagħha jidher li ma tat ebda konsiderazzjoni vera ta' dan il-punt sempliċement għaliex Dr Vella Baldacchino ħareġ iċ-ċertifikat. Jirreferu li t-testatriċi ħalliet barra lil ħutha t-tnejn ma' min qattgħet ħajjitha kollha, kif ukoll lin-neputijiet l-oħra tagħha li dejjem għożżithom bħala omm u jirreferu għat-testmenti ta' qabel. Jinsistu li l-aħħar testment ta' Elisabetta Pace huwa kontra kull loġika

meta hija dejjem stqarret li ma riditx tagħmel preferenzi. Jistaqsu x'sens jagħmel li t-testatriċi lanqas ma tħalli lil oħtha Katerina mqar id-dritt ta' użu u abitazzjoni matul ħajjitha ta' sehemha fid-dar fejn għexet ħajjitha kollha u fejn kienet għadha tgħix. L-aħwa ma kellhomx problemi bejniethom, u għalhekk ma kienx hemm sens li tneħħilha d-dritt ta' użufrutt li kienet ħasbet għalih fit-testment ta' qabel.

35. Magħdud ma' dan, l-appellanti jiċħdu x-xilja tal-appellat li huma kienu abbandunaw liz-zija tagħhom. Jgħidu li n-neputijiet kollha baqgħu iżuruha u saħansitra Mary Grace Catania kienet tieħu lil ommha (u allura oħt it-testatriċi) biex iżżur lil Elizabetta Pace ġewwa d-dar tal-anzjani. Fuq kollox jgħidu li ma jissemma xejn f'dan is-sens fit-testment u lanqas ma kien il-każ li l-appellat kien jipprovdi għall-bżonnijiet tat-testatriċi billi l-kura tagħha kienet fdata f'idejn l-istess dar tal-anzjani.

36. Jissoktaw jgħidu li l-Ewwel Qorti kellha tieħu kont ukoll tal-fatt li l-appellat mhux kredibbli meta jgħid li zitu Liza ma kellhiex problemi mentali u lanqas dimenzja. Isostnu li x-xhieda tiegħu hija mimlija ineżattezzi u gideb. Ma jridx jintesa li huma ressqu xhieda li ma sarilhomx kontroeżami.

37. Jgħidu wkoll li l-punt relevanti li ma ġiex ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti huwa li t-testatriċi ma kinitx tisma' sew. Jistaqsu għalhekk kif kienet kapaċi tagħmel testment jekk apparti d-dimenzja severa li kellha bilkemm

kienet tisma'? Il-mistoqsija għalhekk skonthom tqum waħidha, ċjoè kif in-Nutar seta' jikkomunika magħha?

38. L-appellanti jisħqu wkoll li wara li huma ressqu l-provi tagħhom li wrew li t-testatriċi kient *demented,* kien biss fl-interess tal-konvenut li jressaq lin-Nutar Galea biex jixhed. Huma ma kellhomx dubju li n-Nutar ma kienx se jammetti li għamel testment għal mara anzjana vulnerabbli u inkapaċi u huma diġà ppruvaw li l-istess Nutar għen lill-konvenut iqarraq b'omm il-partijiet.

39. Induru issa għall-aggravji mressqa mill-appellant **David Camilleri**, li fl-ewwel lok, għamel tiegħu l-aggravju mressaq minn ħutu. Ifisser li l-appell tiegħu mhux mibni biss fuq l-apprezzament tal-provi, iżda wkoll huwa dwar l-iżbalji tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-grad tal-prova mħaddem minnha; kif ukoll għal dak li huwa l-*punctum temporis*. Fl-aħħar nett, jilmenta dwar in-nuqqas ta' konsiderazzjoni tal-allegazzjoni mibnija fuq l-**Artikolu 597(b) tal-Kodiċi Ċivili**.

40. Dan l-appellant jibda jiżvolġi l-**<u>ewwel aggravju</u>** billi jfisser li l-liġi kienet titlob li sabiex it-testment inkwistjoni jiġi mħassar, kellha ssir prova li (sa fejn hu relevanti) t-testatur, għalkemm mhux interdett, ma kienx kapaċi li jifhem jew ikollu l-volontà (**Artikolu 597(b) tal-Kodiċi Ċivili** kif kien meta sar it-testment); jew it-testatur, għalkemm mhux interdett, ma

kienx f'sensih fiż-żmien tat-testment (**Artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili** kif kien meta sar it-testment). Jgħid li għalhekk dak li jrid jiġi ppruvat għandu jkun fuq il-bażi tal-preponderanza tal-provi. Isemmi għalhekk sentenzi li fil-fehma tiegħu setgħu wasslu għal xi deċiżjonijiet problematiċi.

41. Jissokta jgħid li l-Ewwel Qorti qieset li l-eżistenza tal-prova taċ-ċertifikat ta' Dr Vella Baldacchino kien ifisser li l-atturi ma laħqux il-grad tal-prova, li fil-fehma tagħha, kellhom jilħqu: ċjoè l-grad taċ-ċertezza totali mingħajr provi kuntrarji. Biss jisħaq li r-raġunament tal-Ewwel Qorti huwa żbaljat. Fil-fehma tiegħu, l-Ewwel Qorti kellha tħaddem l-qies normali u tiżen il-provi u mhux tiċħad it-talbiet minħabba s-sempliċi preżenza ta' prova kuntrarja. Dan apparti l-kwistjoni li, li kieku l-Qorti wieżnet sewwa din is-suppost prova kienet twarrabha għalkollox.

42. Jagħlaq dan l-aggravju billi jgħid li filwaqt li huwa veru li l-liġi tippreżumi l-validità ta' testment, u li għalhekk min jallega mod ieħor jeħtieġ li jippruvaha, imma dan mhu xejn ħlief l-applikazzjoni tar-regola dwar fuq min jaqa' l-oneru tal-prova għall-każ partikolari ta' testment. Il-liġi ma tgħid xejn dwar il-grad tal-prova.

43. Permezz tat-**<u>tieni aggravju</u>**, l-appellant David Camilleri jgħid li huwa magħruf li biex testment jiġi dikjarat null abbażi tal-**Artikoli 597(b)** jew **(d) tal-Kodiċi Ċivili**, irid jintwera li n-nuqqas rilevanti kien jissussisti

fil-mument li fih sar it-testment. Lanqas m'hemm kwistjoni li t-test ta' kapaċità għandu jsir fl-istess ħin li jsir it-testment jew viċin kemm jista' jkun ta' meta jkun se jsir. Biss però l-appellant jgħid li kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ u li huwa kollu ta' xejn li wieħed jisħaq fuq l-ideali, meta l-ideali mhux applikabbli bħal fil-każ tal-lum. Bħalma tennew ħutu fl-appell tagħhom, dan l-appellant jirreferi għad-dokumentazzjoni li tressqet fl-atti li turi li Liza Pace kienet diġà tbati minn dimenzja avvanzata sa minn sentejn qabel ma sar it-testment inkwistjoni.

44. Jirreferi għax-xhieda ta' Dr Peter Ferry u jisħaq kemm iċ-ċertifikat ta' Dr Vella Baldacchino mhux ta' min jistrieħ fuqu. B'żieda ma' dan, jinsisti li mhux minnu li t-tobba l-oħra kienu ilhom snin ma jaraw lil Elizabetta Pace u hawn jirreferi wkoll għat-tobba Dr Bartolo u Dr Chris Muscat. Jissokta jgħid li l-kwistjoni tal-importanza ta' meta jkun sar l-eżami psikjatriku huwa relattiv għall-istat tat-testatur u dan billi jekk testatur jinsab kapaċi llum ma jfissirx li se jibqa' kapaċi għada u lanqas pitgħada. Għalhekk jisħaq li abbażi ta' dak li rriżulta mid-dokumentazzjoni u xhieda, minn tobba indipendenti sa minn żmien ferm qabel u sa madwar iż-żmien tat-testment u anke wara, il-prova li t-testatriċi kellha dimenzja hi msaħħa u mhux kif qalet l-Ewwel Qorti imdgħajjfa. Dan ifisser li l-Ewwel Qorti kellha minflok twarrab dawk id-determinazzjonijiet konsistenti u indipendenti, tevalwa ċ-ċertifikat u x-xhieda ta' Dr Vella Baldacchino b'ċirkospezzjoni kbira.

45. Permezz tat-**<u>tielet aggravju</u>**, l-appellant jgħid li waħda mill-inġustizzji li toħroġ mis-sentenza appellata, hija li l-Ewwel Qorti warrbet ir-rapport ta’ Dr Anthony Dimech għar-raġuni li kien fih element ta’ soġġettività, mingħajr ma fissret kif u f’liema sens dan kien il-każ. Mentri mbagħad, fuq ix-xaqliba l-oħra, mhux biss ma qisitx ir-rapport ta’ Dr Vella Baldacchino bl-istess metru, imma għollietu għal stat ta’ prova inkontrovertibbli, meta skontu kellha twarrbu. Jgħaddi biex anke huwa jikkritika l-eżami li wettaq Dr Vella Baldacchino u l-fatt li ma ħassx li kellu jħares lejn l-istorja medika tat-testatriċi.

46. Fl-**<u>aħħar aggravju</u>** tiegħu, l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti jidher li kienet tal-fehma li t-testment kien ġie mfassal (anzi prefabbrikat) mill-konvenut u li kien jirrifletti l-volontà tiegħu, u mhux tat-testatriċi. Il-punt huwa skontu li anke jekk, għall-grazzja tal-argument, il-Qorti kellha dubju serju u ġustifikat dwar jekk it-testatriċi kinitx f’sensiha skont kif trid il-liġi (**Artikolu 597(d) tal-Kodiċi Ċivili**) hi xorta kellha aktar minn biżżejjed provi sabiex issib li t-testatriċi ma kinitx kapaċi jew li jkollha l-volontà, skont is-**subinċiż (b) tal-Artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili**. Madankollu jgħid li billi l-Ewwel Qorti straħet fil-parti deċiżiva tas-sentenza fuq dak li qal Dr Vella Baldacchino hija ffukat biss fuq jekk l-atturi kinux ippruvaw li t-testatriċi kinitx f’sensiha. Il-fatt għalhekk li l-atturi ppruvaw li kien hemm bażi alternattiva fuq xiex setgħet tannulla t-testment twarrab għalkollox.

47. Din il-Qorti tqis li l-ewwel u qabel kollox, huwa f'waqtu li jiġi mistħarreġ l-aggravju tal-appellant David Camilleri dwar il-grad tal-prova li jgħid li stenniet l-Ewwel Qorti.

48. Bħala daħla, jixraq li jingħad mal-ewwel li: *«skont il-ġurisprudenza tagħna, hemm preżunzjoni iuris tantum illi: kull min ikun għamel testment huwa kapaċi biex jiddisponi minn beni tiegħu; salv prova kuntrarja* (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Giuseppe Formosa v. Giuseppa Axiak*** deċiża fl-20 ta' Ġunju, 1938, u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Farrugia et v. Carmelo Farrugia et*** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2004)» (Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Victoria Galea v. Mary Casingena et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020. Huwa wkoll magħruf sewwa li din il-preżunzjoni m'għandhiex titwarrab faċilment u dan sakemm: *«l-inkapaċità ma tkunx tirriżulta b'mod ċert minn fatti preċiżi u univoċi u ma jkunx ġie pruvat li kienet teżisti fil-mument li t-testatur kien qed jagħmel it-testment»* (Silta meħuda mis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Joseph Vassallo et. v. Dr. Victor R. Sammut***, deċiża minn din il-Qorti fil-24 ta' April, 1950 (Kollez. Vol. XXXIV.i.108) (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Angelo Saliba et v. Josephine Saliba***).

49. Sfiq ma' dan, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Angelo***

***Saliba et v. Josephine Saliba*** maqtugħa fil-15 ta' Novembru, 2023 tenniet li: *«Kien imiss lill-appellanti li jressqu provi tajba biżżejjed biex jippruvaw il-każ tagħhom, u dan aktar u aktar f'każ bħal dak tal-lum meta huwa mifhum li talba għal tħassir ta' testment m'għandhiex tintlaqa' jekk l-inkapaċità mentali tat-testatur fil-ħin tat-testment "ma [t]irriżultax b'mod ċert, minn fatti preċiżi u univoċi»* (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Margaret Rossignaud et. v. Myriam Pellegrini et*** deċiża fit-28 ta' Ġunju 2018).

50. Meta dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jitħaddem għall-każ tagħna u għall-ewwel aggravju mressaq mill-appellant David Camilleri, din il-Qorti tqis li l-istess appellant m'għandux raġun. L-Ewwel Qorti ma saħqitx li jintlaħaq grad ta' prova li s-soltu ma jkunx meħtieġ f'kawżi bħal dik tal-lum. Dak li għamlet l-Ewwel Qorti huwa li telqet mill-preżunzjoni tal-liġi dwar il-kapaċità tat-testatur u fliet il-provi b'mod sabiex tgħarbel jekk dak allegat mill-atturi setax iwassal għal dikjarazzjoni li t-testatriċi ma kellhiex il-kapaċità mentali biex tagħmel dak it-testment. Fuq kollox, ma jridx jitwarrab il-fatt li t-twaqqigħ ta' validità ta' testment m'għandhiex tkun ir-regola iżda l-eċċezzjoni. Fl-aħħar mill-aħħar it-testment huwa x-xewqa ta' testatur għal mod ta' kif il-patrimonju tiegħu se jiddevolvi wara mewtu u din ir-rieda għandha titħares kemm jista' jkun, sakemm ma jirriżultax li x-xewqa espressa ma kinitx ħielsa jew it-testatur ma kellux il-kapaċità biex jesprimi dik li tidher bħala x-xewqa tiegħu fl-att.

51. Minn qari tas-sentenza tal-Ewwel Qorti jidher ovvju li hija għarblet sew il-provi u li ma warrbitx għalkollox l-allegazzjonijiet li tressqu mill-atturi. Mod ieħor, l-Ewwel Qorti ħasset li dak li tniżżel fit-testment huwa dak li xtaq il-konvenut. Iżda l-Ewwel Qorti dehrilha li ċ-ċertifikat mehmuż mal-istess testment li sar ġurnata biss qabel kellha toqgħod fuqu billi kienet prova b'saħħitha ħafna.

52. Għalhekk dan l-ewwel aggravju tal-appellant David Camilleri qiegħed jiġi miċħud.

53. Illi l-bqija tal-aggravji tal-appellant David Camilleri u l-aggravju waħdieni tal-atturi appellanti l-oħra se jitqiesu f'daqqa għaliex jirkbu fuq xulxin.

54. Illi kif rajna aktar 'il fuq, il-bqija tal-aggravji li din il-Qorti jeħtieġilha tistħarreġ huma, aktar minn kollox, il-kritika li l-Ewwel Qorti m'għarblitx sew il-provi u għamlet anke affermazzjonijiet li kienu ħżiena li allura wassalha biex tiċħad it-talbiet tagħhom.

55. Qabelxejn, l-atturi (ħlief għal David Camilleri) qalu li ma jirriżulta minn imkien li l-Ewwel Qorti fliet il-fajl mediku ta' Elizabetta Pace. Din il-Qorti jidhrilha li l-fatt li l-Ewwel Qorti ma semmietx speċifikatament li rat

dan il-fajl mediku jew m'għamlitx referenza għalih minnu nnifsu ma jirriżultax li ma ħaditx konjizzjoni tiegħu jew li warrbitu bħala prova. M'hemmx il-ħtieġa fl-aħħar mill-aħħar li l-Qorti fis-sentenza tagħha tirreferi għal kull att li hemm fl-atti. Fuq kollox fl-istess sentenza l-Ewwel Qorti niżżlet li *«Rat l-atti kollha»* u ma jirriżulta minn imkien li warrbet il-fajl mediku tal-Isptar Karin Grech għaliex ma qisitux bħala prova.

56. Miżmum dan, fi ftit kliem, l-ilment tal-atturi huwa li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq iċ-ċertifikat maħruġ mill-Psikjatra Dr Vella Baldacchino għaliex fl-atti huma ressqu xhieda u provi konsistenti f'ċertifikati mediċi u rapport ta' tobba, fajl tal-Isptar Karin Grech u n-notamenti tad-Dar tal-Anzjani fejn it-testatriċi kienet qiegħda tirrisjedi, kif ukoll ir-rapport tal-Psikjatra Dr Anthony Dimech li proprju jippruvaw il-kuntrarju ta' dak ċertifikat mill-Psikjatra Dr Vella Baldacchino. Huma jisħqu li għalhekk hemm prova oġġettiva fl-atti li hija b'saħħitha biżżejjed biex twaqqa' ċ-ċertifikat ta' Dr Vella Baldacchino u konsegwentement anke l-istess testment.

57. Qabelxejn, se ssir referenza għall-prinċipji li din il-Qorti jeħtiġilha żżomm quddiem għajnejha hija u tgħarbel il-provi mill-ġdid.

58. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Grace Magrin proprio et nomine et v. Rita Sammut*** deċiża fit-12 ta' Lulju, 2023, tenniet li:

> *«Huwa prinċipju mill-aktar bażiku li l-kapaċità ta' persuna li tagħmel testment hija meqjusa bħala r-regola, filwaqt li l-inkapaċità hija meqjusa bħala l-eċċezzjoni (Ara fost ħafna oħrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta'* ***Anton Ellul et. v. Maria Busuttil et****. deċiża fit-18 ta' Lulju, 2017, (Ċit. Nru. 792/2002/1AE)). Minn din il-preżunzjoni jitnissel imbagħad prinċipju ieħor li min jattakka s-siwi ta' testment minħabba inkapaċità fil-menti tat-testatur, dan għandu jipprova l-inkapaċità tat-testatur fil-mument tat-testment (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Victoria Galea v. Mary Casingena et*** *deċiża fit-23 ta' Novembru, 2020, (799/2006/1SM)) u "m'għandux wieħed jippreżumi l-inkapaċità minħabba li xi żmien qabel jew wara tali mument kien hemm okkażjonijiet meta t-testatur ma kellux għarfien ta' dak li qed jagħmel" (Estratt meħud mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta'* ***Lorenza Bonnici et v. Maria Dolores Mifsud****, deċiża fit-2 ta' Marzu, 2018, (App. Ċiv. 1118/2005/1AE)).»*

59. Miżmum dan, mill-provi jirriżulta li Elizabetta Pace kienet xebba, bla tfal u li meta mietet fit-28 ta' Diċembru, 2010 hija ħalliet warajha lil żewġ ħutha li magħhom dejjem kellha relazzjoni tajba. Ħalliet warajha wkoll lil ħames neputijiet. Jirriżulta mill-atti li matul ħajjitha hija għamlet 4 tesmenti fis-snin 1998, 2000, 2006 u l-aħħar wieħed li qiegħed jiġi impunjat sar fit-18 ta' Frar, 2009. Ma' dan l-aħħar testment ġie mehmuż ċertifikat Psikjatriku ta' Dr Vella Baldacchino. Dan tal-aħħar tqabbad mill-konvenut. Miċ-ċertifikat (ara paġna 16 tal-proċess) jirriżulta li huwa tqabbad sabiex jevalwa l-kapaċità testamentarja tal-istess u wasal għas-segwenti konklużjoni:

> *«On examination she was found to be highly oriented to time, place and person. She replied to most of my questions clearly (even though she is hard of hearing) and in particular was able to express the significance of doing a good will. Her judgment and cognitive feature are well-preserved. On examination she was found to be free of any mental illness.*
>
> *In my opinion Ms Pace has full testament capacity.»*

60. Illi l-atturi jikkritikaw l-eżami li twettaq minn Dr Vella Baldacchino u jpoġġuh f'dubju serju minħabba l-bosta ċertifikazzjonijiet li huma ressqu bħala prova li Elizabetta Pace kienet tbati minn dimenzja severa.

61. Illi jkun ta' siwi għalhekk li din il-Qorti tagħti ħarsa lejn dak li jirriżulta mill-atti.

62. Fix-xhieda tiegħu Dr Peter Ferry[9], fisser li t-tabib tal-familja tat-testatriċi, Dr Philip Sciortino, kellmu u marru jaraw lil Elisabetta Pace fit-18 ta' April, 2007 fid-dar tagħha. Huwa xehed li hija kienet dipressa ħafna għaliex mititilha oħtha u marret fis-sodda u ma riditx timxi aktar. Kien għalhekk li daħħalha Karin Grech. Fi kliemu stess *«Kellha dipressjoni qawwija. It-tabib tal-familja kien tani storja ta' dimenzja wkoll. Però dakinhar l-aktar li kien laqatni kien id-dipressjoni.»* Meta ġiet rikoverata bdewlha t-trattament. Fisser li kien sarilha test tad-dimenzja msejjaħ AMT 10. Kien irriżulta 4.5 minn 10 u fisser li anqas minn 7 jidħol suspett ta' dimenzja. Kważi sena wara, fil-15 ta' April, 2008, sarilha AMT ieħor u ġabet 2 minn 10.

63. Fil-fatt iddaħħlet Karin Grech fit-18 ta' April, 2007 u min-notamenti jirriżulta li tniżżel li kellha dimenzja u dipressjoni. Ta' riljev hija n-notament tad-19 ta' April, 2007 fejn tniżżel li l-pazjenta kienet ġiet rikoverata mid-

[9] Seduta tas-26 ta' Jannar, 2017

dar u kienet għaddejja minn luttu minħabba li ma kinitx ilha li mietet oħtha. Hija ntbagħtet lura d-dar fit-3 ta' Mejju, 2007.

64. Fl-atti nsibu wkoll ċertifikat ta' Dr Chris Muscat tal-15 ta' Novembru, 2007 fejn jingħad, *«this is to certify that I have examined Ms Pace today and found her suffering from severe dementia and is disoriented to time and place and person.»* (ara Dok A5 f'paġna 18 tal-proċess). Huwa xehed[10] li kien raha diversi drabi *«demented and disoriented.»*

65. Insibu wkoll ċertifikat maħruġ minn Dr Godfrey Farrugia tas-27 ta' April, 2011 (ara Dok A6 f'paġna 19 tal-proċess) fejn ikkonstata li huwa mar xi drabi biex jara lil Elizabetta Pace u kienet tbati minn uġiegħ f'żaqqha u bdiet turi bidu ta' sinjali ta' diżorjentazzjoni u li tinsa. Jingħad iżda li dan iċ-ċertifikat li nħareġ wara l-mewt ta' Pace, ma fihx dettalji ta' meta t-tabib invista lil Elizabetta Pace u t-tabib lanqas tressaq bħala xhud.

66. Imbagħad jirriżulta li Elizabetta Pace waqgħet u kisret saqajha f'April, 2008 u mill-Isptar Mater Dei ntbagħtet Karin Grech fil-15 ta' April, 2008 (ara Dok DVC f'paġni 163 sa 295 tal-proċess). Jirriżulta fid-dokumentazzjoni hekk kif ġiet rikoverata li hija kellha dimenzja, iżda la kellha problemi ta' lingwa u lanqas li titkellem. Kellha problema ta' smigħ (ara paġna 182 u d-dahar tal-istess paġna). Insibu notamenti oħra bħal

[10] Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

dak tal-31 ta' Lulju, 2008: *«due to severe dementia, client refusing sessions and does not want to be independent»* (ara paġna 186 tal-proċess). Hekk imbagħad fis-6 ta' Ottubru, 2008 insibu li l-pazjenta kienet *«alert and oriented»* (ara dahar tal-paġna 186 tal-proċess). Xahar wara insibu *«patient currently demented»* u kellha bżonn għajnuna għall-attivitajiet bażiċi ta' kuljum.

67. Elisabetta Pace ddaħħlet fis-Central Home, ġewwa l-Mosta fis-6 ta' Novembru, 2008. Min-notamenti tad-dar jirriżulta li Dr Giacinto Bartolo kien it-tabib li kien jara lil Pace. Huwa ħejja rapport (ara Dok A4 f'paġna 17 tal-proċess) fis-27 ta' Novembru, 2012. Fih fisser li huwa eżamina u evalwa lil Pace u l-fajl mediku tagħha. Jgħid li kien jaraha darbtejn fix-xahar bejn Novembru, 2008 (meta daħlet fid-dar) u Novembru, 2010. Huwa jikkonkludi:

> *«Elizabeth Pace suffered from advanced dementia with extremely poor cognitive function, having visual hallucinations. This dates back to her admittance to Mosta Central Home and was present since November, 2008. In my opinion she did not have testamentary capacity and could not perform civil acts as from November, 2008.»*

68. Meta xehed[11] ikkonferma r-rapport tiegħu u n-notamenti esibiti u qal li barra d-darbtejn fix-xahar kien jaraha skont il-bżonn. Xehed li l-istorja tagħha ġabha mill-familjari. Jgħid li l-ewwel darba li raha kienet *demented* – ma kinitx taf fejn qiegħda, la jekk hux filgħodu jew filgħaxija u ma bdietx tagħraf in-nies. Kien ikollha alluċinazzjonijiet u l-ħin kollu

[11] Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2014

tgħid li qiegħda tara żiemel. Qal li lilu ma kinitx tagħrfu. Xehed li kienu jċemplulu ħafna dwarha peress li filgħaxija kienet tkun diżorjentata u tidħol fil-kmamar tar-residenti u ħafna drabi kien ikollu jmur biex jagħtiha xi ħaġa biex torqod. Qal ukoll li fis-17 ta' Frar, 2009 (ġurnata qabel sar it-testment) taha l-Atorax biex tgħinha torqod. Qalulu li kienet qiegħda tkun disturbata biex torqod. Fil-kontroeżami, qal li meta ddaħħlet fid-dar kienet qiegħda turi sinjali ta' dimenzja. Xehed ukoll: *«Nispjega illi mil-lat purament mediku jeżistu perjodi fejn il-pazjent li jbati mid-dimenzja jkollu mumenti luċidi. Jiena però qatt ma nzertajtha lil Elizabeth Pace. Jiena qatt ma rajtha f'mumenti tajba però lili kienu jsejħuli meta jkun hemm il-problemi.»*

69. B'żieda ma' dawn insibu r-rapport tal-Psikjatra Dr Anthony Dimech (ara Dok AD f'paġni 314 sa 335 tal-proċess) li wara li eżamina l-fajl mediku tal-mejta, in-notamenti fil-fajl tagħha meta ddaħħlet u sakemm baqgħet fid-dar tal-anzjani, ir-rapport ta' Dr Bartolo u x-xhieda tiegħu, it-testment tagħha, ir-rapport ta' Dr Vella Baldacchino u x-xhieda tiegħu, kif ukoll iċ-ċertifikati tat-tobba l-oħra u xhieda, ikkonkluda hekk:

> *«22.......The overwhelming information from various sources and professionals over a span of almost three years, who documented their findings in medical notes, reports and testimonies in court, unanimously indicate that Ms Pace had moderate to severe dimenzja. Professionals from various disciplines were involved including nurses, occupational therapists, family doctors, and specialists from the field of Geriatrics including a Consultant. The time frame of the symptoms which progressively got significantly worse especially in the last two years are highly suggestive of dementia. From the available information I am not in a position to completely exclude or refuse the presence of delirium on top of dementia in this case, but given the documented common*

> *occurrence of both conditions at the same time in elderly patients, it is in my opinion, highly likely that at certain stages she had both. This would make the overall level of mental impairment more severe with more significant loss of function and inability to make important decisions and plans, as shown by the evidence from various professionals who took care of Ms Elizabeth Pace.*
>
> *23. On the basis of the above, I conclude that Ms Elizabeth Pace was suffering from advanced dementia in February 2009 and in my professional opinion, as a result of the nature and degree of her mental illness, she did not have testamentary capacity.»*

70. Barra minn hekk, l-atturi ressqu xhieda, inkluż lil zijithom Catherine Pace, u wħud minnhom stess. Ħafna minnhom xehdu bl-istess mod, ċjoè li Elizabetta Pace bdiet tinsa ħafna, issajjar b'borma vojta, tagħmel kitla vojta u eventwalment li kienet f'dinja għaliha, fejn ma baqgħetx tikkomunika ma' dak li jkun.

71. L-atturi ressqu wkoll żewġ sentenzi fil-kawża li ommhom fetħet b'suċċess kontra l-konvenut, li permezz tagħhom il-Qorti ordnat ir-rexxissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni li hija kienet għamlet favur il-konvenut billi ġie deċiż li l-kunsens tagħha nkiseb b'qerq.

72. Fl-atti nsibu wkoll sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u tal-Qorti Kriminali li nfetħu kontra John Camilleri fuq kwerela ta' Catherine Pace, fejn John Camilleri ma nstabx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

73. Din il-Qorti wara li fliet mill-ġdid dawn l-atti tasal għall-istess

konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

74. Irid jiġi preċiżat li l-appellanti għandhom raġun jgħidu li Dr Bartolo ma kienx ilu li ra lil Elizabetta Pace s-snin (anke għaliex irriżulta li kien jaraha darbtejn f'xahar u kull meta jkun hemm bżonn, u proprju ra fil-lejl ta' qabel ma sar it-testment). Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-Ewwel Qorti qalet sew li t-tobba l-oħra kienu ilhom snin ma jarawha ħlief għal Dr Ferry li kien ilu ma jaraha għal ftit xhur. Rigward il-kumment tal-Ewwel Qorti li r-rapport tal-Psikjatra Dr Anthony Dimech kellu jittieħed b'ċirkospezzjoni u li kellu element ta' soġġettività, din il-Qorti ma tlumx lill-Ewwel Qorti li qalet hekk. Jirriżulta infatti li kuntrarjament għat-tobba l-oħra (li b'xi mod jew ieħor iltaqgħu ma' Elizabetta Pace), Dr Dimech qatt ma eżamina lil Pace u dan il-fattur ċertament jagħmel differenza kbira.

75. Illi fl-atti hemm provi li jwasslu anke lil din il-Qorti tasal tikkonkludi li Elizabetta Pace seta' kellha ħjiel ta' dimenzja. L-ewwel darba li hija ġiet rikoverata Karin Grech, Dr Peter Ferry kien aktar imħasseb fuq id-dipressjoni li kellha. Dan ma jistax ifisser ħlief li sa dak iż-żmien żgur ma kinitx fl-istat imfisser mill-familjari tagħha. Kemm hu hekk mit-test li sarilha tad-dimenzja ġabet 4.5 minn 10, li fi kliem Dr Ferry *«idaħħal suspett ta' dimensja».* Imbagħad f'April tas-sena 2008 (sena wara) ġabet 2 li kien indikazzjoni li kellha din il-kundizzjoni. Dan kien l-istess żmien meta kisret saqajha. Kif rajna però dak iż-żmien kienet għadha titkellem għaliex hekk

tniżżel fin-notamenti. Meta wieħed idur in-notamenti l-oħra jirriżulta per eżempju li fis-6 ta' Ottubru, 2008 kienet *«alert and oriented.»* Xahar wara meta ddaħħlet fid-dar residenzjali kienet saret dipendenti fuq ħaddieħor għall-bżonnijiet tagħha u nkiteb li kienet *«demented».* Dr Bartolo min-naħa tiegħu saħaq li hija kienet tbati minn dimenzja severa.

76. Hekk kif ingħad fid-duttrina, il-prova li t-testatur seta' kien maħkum minn dimenzja ma huwiex biżżejjed biex iwaqqa' l-preżunzjoni tal-kapaċità tiegħu li jagħmel testment, u dan għaliex kif jgħid il-ġurista Laurent, *«non basta, dunque, provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza; bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, vale a dire permanente»* (***Laurent, 'Principi di Diritto Civile'***, Vol. XI, paġ. 112. Ara, b'eżempju, P.A. JZM 28.6.2018 fil-kawża fl-ismijiet ***Margaret Rossignaud et v. Myriam Pellegrini et***). Hemm ukoll qbil fil-ġurisprudenza li, *«[g]ħal dak li hu l-grad ta' kapaċità, "[i]l-liġi f'dan il-każ tikkuntenta ruħha bil-minimu jew almenu bi grad moderat u mhux bi grad għoli u wisq inqas bis-superlattiv jew grad massimu ta' kapaċità.»* (***Joseph Bonavia et v. Giovanni Bonavia et deċiża mill-Prim'Awla fl-20 ta' Ottubru 1971***) (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ***Emanuela Grech v. Dr.Yana Micallef Stafrace et nomine*** maqtugħa fil-25 ta' Ottubru, 2023).

77. Illi kif dan kollu, jista' jiġi konċiljat mar-rapport tal-Psikjatra Dr

Joseph Vella Baldacchino, referenza ssir għas-sentenza ***Angelo Saliba et v. Josephine Saliba et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023 fejn fissret li:

> *«Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam maċ-ċertifikat li kien mehmuż flimkien mat-testment, il-Qorti rat li minn dak iċ-ċertifikat jirriżulta li fil-jum ta' qabel ma sar it-testment, il-psikjatra Vella Baldacchino wettaq "mental state examination" fuq it-testatriċi Josephine Camilleri u dan sabiex jistħarreġ jekk din kinitx mogħnija bil-kapaċità testamentarja. F'dak iċ-ċertifikat, il-psikjatra fisser li matul dak l-eżami, huwa sab lit-testatriċi "alert and orientated to time, place and person", u filwaqt li osserva li hija kienet kapaċi li tirrispondi b'mod tajjeb u koerenti għall-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet li għamlilha, b'mod partikolari innota wkoll li "she was able to explain the significance of drafting a will. She was able to remember names of relatives and extent of her estate". Fl-aħħar nett, il-psikjatra Vella Baldacchino għalaq iċ-ċertifikat tiegħu billi niżżel li Josephine Camilleri "was found to be free of any psychiatric illness that impairs her cognitive functioning. Her judgment and cognitive function were well preserved", u li fil-fehma tiegħu din kellha l-kapaċità testamentarja sħiħa;*
>
> *.....*
>
> *Għalkemm li mhuwiex xi prova li ma tistax tiġi kontestata, huwa mifhum li ċ-ċertifikat ta' psikjatra jipprovdi prova b'saħħitha fl-eventwalità li jiġi kontestat it-testment fuq ir-raġuni tal-inkapaċità mentali tat-testatur (Ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta'* **Anton Ellul et. v. Maria Busuttil et***. ikkonfermata minn din il-Qorti fit-18 ta' Lulju, 2017, (App. Ċiv. 792/2002/1)). Fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, l-atturi appellati ma ressqu l-ebda prova konkreta sabiex jirribattu l-fehmiet professjonali tal-psikjatra Vella Baldacchino,....*
>
> *Kif intqal aktar kmieni, f'dan il-każ l-atturi appellati sejsu l-każ tagħhom fuq ix-xilja li t-testatriċi ma kinitx kapaċi tagħmel testment għaliex "ma kinitx tipposjedi l-fakultajiet mentali rikjesti mil-liġi b'tali mod li ma setgħetx tapprezza dak li qiegħda tagħmel", u f'kuntest bħal dan, il-"kundizzjoni oħra" ma setgħet tkun xejn għajr waħda mentali jew intellettwali. Kif tifhimha din il-Qorti, iċ-ċertifikat tal-psikjatra Vella Baldacchino huwa wiesgħa biżżejjed biex jeskludi li t-testatriċi kienet tbati minn kundizzjonijiet bħal dawn, u għaldaqstant dan iċ-ċertifikat kien jistħoqqlu li jingħata ħafna aktar piż;»*

78. F'dan il-każ, Dr Vella Baldacchino eżamina lil Elizabetta Pace ġurnata qabel it-testment. Meta xehed huwa mhux biss ikkonferma ċ-ċertifikat tiegħu, iżda ftakar ċertu dettalji. Kemm hu hekk, xehed li hija

kienet tbati b'nuqqas ta' smigħ u li kien hemm il-*carers* meta eżaminaha. Fisser li hija kienet taf fejn qiegħda u kienet taf xi jfisser tagħmel testment. Qal li dik hija l-uniku kapaċità li jfittex meta jagħmel dan it-tip ta' ċertifikat. Żied li ma kellhiex traċċi ta' mard psikjatriku li jxekkilha milli tagħmel testment. Qal ukoll li l-ġudizzju tagħha kien tajjeb fis-sens li kienet taf fejn qiegħda u kienet taf x'inhi tagħmel u wieġbet għad-domandi b'mod korrett relatat mal-aspett ta' testment.

79. Dr Vella Baldacchino fisser li l-eżami li għamel kien jistaqsi x'inhu testment, għalfejn isir. F'dan il-każ ma staqsix dwar l-estent tal-patrimonju billi ma kienx hemm nutar preżenti. Jiftakar li tqabbad min-neputi tagħha John Camilleri. Qal li l-fajl mediku ma kkonsultahx. Fisser li l-fatt li jkun hemm diżorjentazzjoni għal ħin u post f'punt partikolari ma hijix fiha nnifisha kostatazzjoni ta' dimenzja. Xehed li:

> *«Din tkun f'sitwazzjoni ta' acute confusional state otherwise known as delirium. Din tista' tkun ikkawżata minn sitwazzjoni bħal chest infection jew inkella heart failure. Il-moħħ jiġi meta titratta l-kawża. Min għandu dementia fis-sena 2007 ma jiġix tajjeb biex jagħmel ċertu affarijiet sentejn wara. Id-dementia hija progressiva.»*

80. Xehed ukoll li:

> *«Iċ-ċertifikat tiegħi kien relevanti għal dak il-ħin li għamilt iċ-ċertifikat. Jiena nispjega illi jiena kkostatajt biss testamentary capacity u dak id-domain biss. Jista' jagħti l-każ illi siegħa wara, il-persuna naraha u nsibha konfuża. Il-cognitive function tal-bniedem ivarja speċjalment fl-età ta' wieħed u disgħin sena u hemm dawk li jissejħu wkoll lucid intervals. Jiena nista' niċċertifika biss kif sibtha f'dak il-mument illi jiena għamiltilha ċ-ċertifikat. Anzi jiena ninsisti dejjem mar-relatives biex l-att pubbliku li għandu jsir bħal ma huwa t-testment ecc isir immedjatament. Jiena ma nafx meta kien sar it-testment imbagħad. Jiena dejjem nisħaq li testment għandu jsir fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa. Jiena ma nistax ngħid kif*

*kienet meta kien sar it-testment ġaladarba ma nafx meta sar it-testment.»*

81. Fuq kollox, dwar l-eżami magħmul, il-Qorti fis-sentenza ***Angelo Saliba et v. Josephine Saliba et***, fuq imsemmija, tenniet:

*«Marbut sfiq ma' dak li għadu kif jintqal, jixraq ukoll li jingħad li l-osservazzjonijiet li tniżżlu mill-psikjatra Vella Baldacchino jsibu wkoll sulliev fil-kotba tal-psikjatrija. Per eżempju fil-ktieb '**Shorter Oxford Textbook of Psychiatry'**, ippublikat mill-istamperija tal-Università ta' Oxford, l-awturi **Cowen, Harrison u Burns** jiktbu li: "In order to decide whether the testator is of sound disposing mind, the doctor should decide whether the person making the will: understands what a will is and its consequences knows the nature and extent of his property (although not in detail) knows the names of close relatives and can assess their claims to his property is free from an abnormal state of mind that might distort feelings or judgments relevant to making the will (a deluded person may legitimately make a will, provided that the delusions are unlikely to influence it" (**P. Cowen, P. Harrison, T. Burns**, 'Shorter Oxford Textbook of Psychiatry', is-sitt edizzjoni, Oxford University Press, paġna 8).»*

82. Huwa ovvju għalhekk li għalkemm l-appellanti kollha kkritikaw bl-aħrax l-eżami mwettaq minn Dr Vella Baldacchino, mis-silta tal-paragrafu ta' qabel, għandu jirriżulta li l-eżami mwettaq jaqa' fil-parametri ta' dak mistenni f'ċirkostanzi bħal dawk li kien qiegħed jagħmlu. Għaldaqstant din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, ma ssib l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tistrieħ fuq dan iċ-ċertifikat, li fl-aħħar mill-aħħar, sar minn professjonist kwalifikat fil-qasam mediku relevanti.

83. Barra minn hekk jingħad li l-kwistjoni ta' *punctum temporis* hekk kif esposta mill-appellant David Camilleri fil-każ tal-lum ftit jista' jkollha rilevanza billi l-Qorti kellha u għandha quddiemha ċertifikat ta' psikjatra li

eżamina lit-testatriċi ġurnata qabel sar it-testment. Veru li ma sarx eżatt mal-ħin li kien qiegħed isir it-testment, imma hija l-eqreb ċertifikazzjoni viċin tiegħu. Il-fatt li l-lejl ta' qabel li sar it-testment Elizabetta Pace kellha tingħata mediċina biex torqod għaliex kellha lejl disturbat ma jfissirx li fil-mument li kien qiegħed isir it-testment ma kinitx taf x'inhi tagħmel.

84. Fuq kollox, l-istess Psikjatra Dr Anthony Dimech u t-tabib Dr Bartolo jammettu li kull min ibati minn dimenzja jista' jkollu mumenti luċidi wkoll. Dr Bartolo xehed li qatt ma ra lil Elizabetta Pace f'mument luċidu, però żied jgħid ukoll li huwa kien jissejjaħ meta kien ikun hemm xi problema.

85. Hekk kif qalet l-Ewwel Qorti, in-Nutar ma tressaqx bħala xhud. Waħda mix-xhieda tat-testment, Rita Zammit, tressqet bħala xhud iżda ma ftakritx id-dettalji. Barra minn hekk, għalkemm jirriżulta li l-konvenut qarraq b'ommu dan fih innifsu ma jistax ikun ta' fejda għall-kawża tal-lum billi l-kawżali hija li t-testatriċi ma kinitx kapaċi tagħmel testment.

86. L-atturi għażlu li jressqu l-azzjoni tagħhom fuq din il-kawżali. Din kienet l-għażla libera tagħhom. Kwalunkwe qerq li l-konvenut seta' wettaq anke fuq persuna differenti, fi żminijiet differenti, mhix ta' relevanza għall-kawża tal-lum. Ċertament dan ma jagħmilx ġieħ lill-konvenut u huwa ta' għajb għal kull persuna li tqarraq b'ħaddieħor, partikolarment tqarraq

b'persuna vulnerabbli.

87. Huwa minnu wkoll li x'aktarx il-konvenut ħa dak li ried mit-testment inkwistjoni, iżda fl-aħħar mill-aħħar meta wieħed iqis ir-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet, insibu laxxiti favur Joseph Camilleri u anke sabiex isirilha quddies u funeral xieraq. Irriżulta wkoll li l-istess konvenut u martu ħadu ħsieb Elizabetta Pace aktar min-neputijiet l-oħra tagħha. Ma tniżżilx li Pace ħalliet lill-konvenut eredi minħabba s-serviġi reżi iżda mill-provi rriżulta li l-konvenut u martu għenuha u b'hekk huwa raġonevoli li Pace ħasbet aktar fih. Fl-aħħar mill-aħħar, Pace kienet xebba, bla tfal, u jiġi b'hekk li bil-patrimonju tagħha setgħet tiddisponi minnu kif riedet.

88. Kemm hu hekk, ingħad mill-Qorti tal-Appell li:

> *«Punt ieħor li tajjeb li jrid jiġi kkunsidrat huwa r-raġonevolezza tad dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment, li hija waħda mill-kriterji li għandhom iwasslu lill-ġudikant biex jiddeċiedi dwar l-insanità mentali jew le tat-testatur, jiġifieri biex jiddeċiedi jekk fil-waqt li kien qiegħed jagħmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza biżżejjed ta' dak li kien qiegħed jagħmel u volontà li jiddetta dawk id-dispożizzjonijiet li hemm fit-testment.»* (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Angelo Abela et v. George Abela et*** maqtugħa fil-5 ta' Ottubru, 2023).

89. Fl-istess sentenza ntqal li:

> *«Ta' riljev huwa dak li tenna l-Imħallef M. Caruana Curran li f'każijiet ta' din ix-xorta, «Ċertament għandha taħrab kwalunkwe prekonċett, sia li min hu xiħ mhux kapaċi, sia li kull min hu marid mhux f'sensih. Jekk qatt għandu jkun hemm xi prekonċett, jekk dana huwa l-vokabolu korrett, dan huwa biss il-preżunzjoni tal-kapaċità, salva l-prova kuntrarja li però għandha tkun, kif fuq intqal, rigoruża.» (**Joseph Bonavia et v. Giovanni Bonavia et**, deċiża fl-24 ta' April 1950, Vol XXXIV.I.108.)»*

90. Għaldaqstant, l-aggravji tal-appellanti se jiġu kollha miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** kemm l-appell tal-attur David Camilleri, kif ukoll l-appell tal-bqija tal-atturi l-oħra, u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-attur David Camilleri għandu jbati l-ispejjeż relatati mal-appell imressaq minnu, filwaqt li l-atturi l-oħra għandhom ibatu l-ispejjeż tal-appell imressaq minnhom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da